LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

# DAWL FRANĠISKAN



F'DIN IL-ĦARĠA / JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ - BRAŻIL 2013
JUM IL-MISSJONI 2013 / TIFKIRA TA' PATRI DONAT SPITERI OFMCAP

OTTUBRU 2013 - IT-33 SENA - GĦADD 333

NEWSPAPER POST - IISN 1811-5373

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

DAWL FRANĠISKAN



Qoxra:

*San Franġisk t'Assisi, Pittura fiż-żejt ta' Ġużepp de Ribera – 1642*

*"Il-qaddis Franġisku meta kien fuq l-għolja ta' LA VERNA isum għal 40 jum bi preparazzjoni għall-festa ta' San Mikiel (29 ta' Settembru), nhar l-14 ta' Settembru 1224, festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib, kellu viżjoni fejn f'estasi rċieva l-5 feriti ta' Kristu Mislub". G.K. Chesterton, St. Francis of Assisi, (1923) p.131*

# WERREJ

3 **INKOMPLU NIBNU FLIMKIEN**
Editorjal

4 **BIBBJA**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

7 **IL-FAMILJA SKONT L-EVANĠELJU**
minn Dun Pawl Camilleri, B.A., Lic.D.

8 **MISSJONI**
minn Br. John Cassar OFMCap

11 **POEŻIJA**
minn Costantino Caruana

12 **IL-ĦAJJA FIL-MISSJONI TAL-KENYA**
minn Fr. Hilary Abela OFMCap

14 **PAPIET**
minn Emily Barbaro-Sant

15 **JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2013**

16 **KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET**
minn P. Silvestru Bonavia OFMCap

19 **ĠIFRA**
minn Amy Grech

20 **IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA FIL-PJAN TA' ALLA**
minn Nikol Baldacchino

22 **PASTORALI TAS-SAĦĦA**
minn Patri Mario Attard OFMCap

24 **ĦAJJA SOĊJALI**
minn Kav. Joe M Attard

26 **KULTURA**
minn Tony C. Cutajar

28 **ĦUTNA KAPUĊĊINI LI ĦALLEWNA**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

30 **KOMPETIZZJONIJIET**
minn Patri Wistin Attard OFMCap

31 **AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA KAPUĊĊINA F'MALTA**



8



14



19



22



28

**Ħlas tal-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

*Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, u għandha tintbagħat lid-Direttur:*
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**

BORD EDITORJALI

Editur
**FR. PHILIP CUTAJAR OFMCap**

Amministratur
**FR. CRISPIN TABONE OFMCap**

Distributuri
MALTA
**DORIAN HOLLAND OFS**
GĦAWDEX
**PIERRE E. BUTTIĠIEĠ OFS**

Membri
**JOE DEBATTISTA - GFF**
**GORDON SWAIN - ĠIFRA**

DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI

**KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI, FLORIANA - FRN1211**
**TEL: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949**
**E-MAIL: cutajarphilip777@gmail.com**

ISSN 1811-5373

DISINN U LAYOUT
**ROBERT TABONE**
**MOB: 9947 3763**

MITBUGĦ
**PRINTIT**
**TEL: 2189 4446/7**

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*

**©Dawl Franġiskan 2013**
**Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

# INKOMPLU NIBNU FLIMKIEN



WARA NUQQAS TA' 27 SENA RĠAJT LURA MAGĦKOM, GĦEŻIEŻ QARREJJA TAD-DAWL FRANĠISKAN, BĦALA EDITUR TA' DIN IR-REVISTA KAPUĊĊINA, LI HI TANT GĦAL QALBI. QED NGĦID LI HIJA GĦAL QALBI MHUX SEMPLIĊIMENT GĦALIEX BEJN IS-SENA 1981 U S-SENA 1986 KONT L-EWWEL EDITUR LI, BIL-GĦAJNUNA TA' ALLA U BL-INKORRIĠIMENT TAS-SUPERJURI TIEGĦI TA' DAK IŻ-ŻMIEN, IRNEXXIELNA INWELLDUHA U GĦALHEKK SARET REALTÀ.

Ngħid li hija revista għal qalbi għaliex nemmen f'mezz ta' komunikazzjoni bħal dan u mhux inqas bl-effetti pożittivi li żgur ħalla u għadu qed iħalli f'kull min din ir-rivista tiġi f'idejh. Illum, aktar minn qatt qabel, aħna bħala Knisja rridu nidħlu fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali bil-għan li nevanġelizzaw il-massa.

"F'din il-ħidma pastorali li għaliha għal darb'oħra s-superjuri tiegħi qed isejħuli sabiex inwettaq nixtieq li l-ewwel nett irrodd ħajr kemm lil Alla kif ukoll lilhom għall-fiduċja li qed juru fija."

Matul dawn t-33 sena ta' eżistenza ta' din ir-Rivista Dawl Franġiskan kemm jiena kif ukoll l-edituri li ġew warajja, ilkoll kemm aħna fittixna li nżommu quddiem għajnejna l-għanijiet prinċipali ta' din il-pubblikazzjoni. Dawn huma: Animazzjoni Vokazzjonali u Missjunarja, Spiritwalità tal-kariżma Franġiskana, Formazzjoni u Informazzjoni ħolistika għall-qarrejja kollha speċjalment tal-Aħwa membri fl-Ordni tal-Franġiskani Sekulari u mhux inqas li naqsmu magħkom il-qarrejja, il-ħajja u x-xogħol tagħna bħala Franġiskani-Kapuċċini kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

F'din il-ħidma pastorali li għaliha għal darb'oħra s-superjuri tiegħi qed isejħuli sabiex inwettaq nixtieq li l-ewwel nett irrodd ħajr kemm lil Alla kif ukoll lilhom għall-fiduċja li qed juru fija. Nixtieq ngħid grazzi kbira u mill-qalb lit-tliet edituri suċċessuri: **Fr. Leonard Falzon**: 1986-1993/2004-2013 (illum kappillan fil-Parroċċa Trinità Qaddisa, il-Marsa); **Fr. Ranieru Zammit**: 1994-1998 (illum qiegħed il-ġenna jitlob għalina) u **Fr. Joe Alessandro**: 1998-2004 (illum Mons. Isqof Koadjutur ta' Garissa, fil-Kenya). Grazzi lil dawk kollha li b'impenn u imħabba, bil-kitbiet tagħhom u mhux inqas bi flushom, taw il-kontribut tagħhom sabiex din ir-Rivista waslet fejn waslet. Minn sena għal oħra tisbieħ fil-preżentazzjoni, titjieb fil-kontenut u tiżdied fin-numru ta' qarrejja li kull xahar ikunu qed jistennewha.

Din ir-rivista mhix xi xogħol tiegħi, lanqas tagħna l-Kapuċċini biss. Hija, u hekk għandha tkun, ħidma pastorali li aħna msejħin sabiex inwettquha flimkien, aħna u intom. Nilqgħu s-sejħa li l-Knisja qed tagħmlilna għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida billi din ir-Revista nagħmluha tagħna lkoll u nkomplu nagħtuha spinta bil-għan li tkun "dawl fid-dinja" u "belt fuq muntanja". ■

TIFSIR TAL-PARABBOLI



# IL-PARABBOLA TAŻ-ŻERRIEGĦA



**MATTEW 13, 3-9**

U qalilhom: "Darba wieħed bidwi ħareġ jiżra'. Huwa u jiżra', xi żerrigħat waqgħu mal-mogħdija; ġew l-għasafar u naqqruhom. Oħrajn waqgħu f'art kollha blat, fejn ma kienx hemm wisq ħamrija, u malajr nibtu, għax il-ħamrija ma kinitx fonda; iżda mbagħad telgħet ix-xemx, u nħarqu u nixfu, għax ma kellhomx għeruq. Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk, u x-xewk kiber magħhom u ħonoqhom. Imma oħrajn waqgħu f'art tajba, u għamlu l-frott, min mija, min sittin, u min tletin. Min għandu widnejn, ħa jisma'! "



**MARK 4, 3-9**

"Isimgħu. Darba kien hemm bidwi u ħareġ jiżra'. Ġara li hu u jiżra', xi żerrigħat waqgħu fil-mogħdija; ġew l-għasafar u naqqruhom kollha. Oħrajn waqgħu f'art kollha blat fejn ma kienx hemm wisq ħamrija, u malajr nibtu, għax il-ħamrija ma kinitx fonda; meta mbagħad telgħet ix-xemx, inħarqu u nixfu, billi ma kellhomx għeruq. Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk u x-xewk kiber u ħanaqhom, u frott ma għamlux. Oħrajn waqgħu f'art tajba, u għamlu l-frott; u l-frott kiber u tkattar, u min għamel tletin, min sittin, u min mija." U qal: "Min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma'!"



**LUQA 8, 5-8**

"Wieħed bidwi ħareġ jiżra' ż-żerriegħa li kellu. Huwa u jiżra', xi żerrigħat waqgħulu mal-mogħdija u ntrifsu, u l-għasafar tal-ajru naqqruhom kollha. Oħrajn waqgħu fuq il-blat, u nibtu u nixfu, għax tira ma kellhomx. Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk, u x-xewk kiber magħhom u ħonoqhom. Oħrajn waqgħu f'art tajba, u nibtu u għamlu l-frott kull waħda mija." Kif qal dan, rafa' leħnu u qal: "Min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma'!"



It-tliet evanġelisti għandhom din il-parrabola taż-żerriegħa u fit-tlieta hi l-ewwel waħda fost il-parabboli propji tal-Evanġelji. L-Evanġelisti juru lil Ġesù jgħallem bil-parabboli. Forsi għalhekk bdew l-ewwel b'din il-parabbola; billi titħaddet fuq il-kelma tiegħu u l-effett tagħha f'min jismagħha. Il- parrabola taż-żerriegħa hi bħal introduzzjoni ġenerali għat-tagħlim ta' Ġesù bil-parabboli.

It-tlieta jgħidulna li Ġesù qal din il-parabbola (u parabboli oħra li nsibu warajha fl-ewwel tliet Evanġelji) lill-kotra kbira ta' nies. Kien f'Kafarnahum f'xatt il-baħar tal-Galilija (Mk 1, 29; 2, 1). **"U nġabret madwru kotra kbira, hekk li kellu jitla' bilqiegħda f'dgħajsa fuq il-baħar, u n-nies kollha l-art matul ix-xatt"** (Mk 4, 1).



Dawk in-nies tal-Galilija kienu fil-biċċa l-kbira bdiewa u sajjieda. L-eżempji li ġibilhom Ġesù fl-ewwel parabboli – meħudin mill-ħajja tal-biedja u tas-sajd u mill-ħajja tal-familji tagħhom – kienu ċari u sempliċi għalihom. Hekk kienet il-parabbola taż-żerriegħa.

Il-bidwi ħareġ jiżra'. Milli jidher, l-art ma ħarathiex u ħejjieha għaż-żrigħ minn qabel, iżda mar jiżra' fuqha kif kienet bix-xewk u l-għollieq u bi rqajja' ta' art iebsa. Hekk kienu jiżirgħu; jew jaħartu fuqha u mbagħad jgħattuha bil-ħamrija; jew iħallu l-art kif tkun, jiżirgħu fuqha u wara jgħadduha bil-moħriet biex jgħattu ż-żerriegħa. Iż-żerriegħa kienu jferrxuha jew itajruha mal-ajru, u kienu jferrxu bl-abbundanza; tiġi fejn tiġi, biex ikunu aktar żguri li jiksbu kotra ta' frott. Hekk nistgħu nifhmu aħjar għaliex il-bidwi ma qagħadx jinkwieta li ż-żerriegħa marrulu fil-mogħdija, oħrajn f'art bil-blat u oħrajn qalb ix-xewk.

Naturalment iż-żerrigħat li nibtu u għamlu l-frott kienu dawk biss li waqgħu fuq art tajba. U l-frott kien kotran ħafna; tletin, sittin u mija – numri li jfissru l-abbundanza. Juru wkoll il-kontrast bejn art tajba u l-partijiet l-oħra tal-għalqa. Minkejja l-falliment ta' dawn it-tlieta, il-bidwi kellu jkun sodisfatt b'dan ir-riżultat. Ferrex iż-żerriegħa bl-abbundanza u bil-ħala, imma kiseb ukoll frott bl-abbundanza.

Jekk fil-persuna tal-bidwi naraw il-figura ta' Alla jew ta' ĠesùKristu, il-parabbola tagħtina tagħlima fuq il-ġenerożità ta' Alla li jqassam bil-kotra l-grazzji tiegħu lill-bnedmin u jistedinhom ilkoll għas-Saltna tiegħu; u minkejja t-tfixkil li ssib is-sejħa tiegħu min-naħa ta' xi wħud minnhom, fil-biċċa l-kbira tagħhom iwiegbu tajjeb u jidħlu fis-Saltna tiegħu. Dan seta' kien is-sens oriġinali tal-parabbola kif ħarġet minn fomm Ġesù.

L-aħħar sentenza ta' Ġesù bħala għeluq tal-parabbola tiġbed l-attenżjoni tas-semmiegħa fuq is-serjetà tagħha u tistedinhom jaħsbu biex jifhmuha sewwa. **"Min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma'!"** Din hi twissija ta' Ġesù li nsibuha ħafna drabi fl-Evanġelji.

Imbagħad għandna t-tifsira awtentika tal-parabbola taż-żerriegħa (Mk 4, 13-20; Mt 13, 18-23; Lq 8, 11-15). Hi Tifsira allegorika li, kif inhu miżmum, ġejja mit-tieni fażi tal-formazzjoni tal-parabbola, jiġifieri, mill-ħajja tal-Knisja primittiva. Mill-esperjenza tal-ħajja tagħha fl-ewwel żmien tax-xandir tal-Evanġelju, il-Knisja għarfet l-efetti differenti tiegħu mfissrin fl-erba' kwalitajiet tal-art li fuqhom waqgħet iż-żerriegħa. Il-bidwi li ħareġ jiżra' hu figura ta' Ġesù Kristu. Iż-żerriegħa hi l-kelma tal-Evanġelju tiegħu.

L-erba' kwalitajiet ta' art li fuqhom waqgħet iż-zerriegħa jfissru sewwa l-erba' kategoriji tal-bnedmien li fihom ix-xandir tal-Evanġelju kellu riżultati differenti. Kollha semgħu l-istess kelma iżda mhux kollha wiegbu bl-istess mod għaliha. Dawk li semgħuha biss b'widnejhom u ma daħħluhiex fil-fond ta' qalbhom huma bħall-art ta' matul il-mogħdija; iż-żerriegħa tal-kelma waqgħet fuqhom, iżda malajr tilfuha.

Oħrajn semgħu l-kelma u laqgħuha bil-ferħ, iżda ma ħallewhiex taqbad sewwa f'moħħhom u f'qalbhom; ma kinux sodi fil-fidi li tiġi mill-kelma; għalhekk, malli ħabbtu wiċċhom mat-tfixkil tal-persekuzzjoni, ċedew malajr u tilfu kollox.



## "...Imma oħrajn waqgħu f'art tajba, u għamlu l-frott, min mija, min sittin, u min tletin. Min għandu widnejn, ħa jisma'!

Oħrajn il-kelma laqgħuha tajjeb, iżda, billi baqgħu b'qalbhom marbuta mal-ħwejjeġ u l-ġid tal-art, il-Kelma fihom tilfet il-qawwa u ntrebħet bħaż-żerriegħa maħnuqa fix-xewk. Dawk biss li laqgħu l-kelma u wieġbu tajjeb għaliha bħaż-żerriegħa fuq art tajba ħallewha tikseb fihom il-frott tajjeb u kotran tagħha.

Hekk b'din l-interpretazzjoni allegorika ta' din il-parabbola taż-żerriegħa, il-ministri tal-kelma fl-ewwel żmien tal-Knisja kienu jgħallmu lill-ewlenin insara u jwissuhom biex iħallu l-kelma tal-Evanġelju taħdem fihom u jżommu sħiħ fil-fidi fil-ħafna tfixkil li kellhom kontriha. Din hi wkoll it-tagħlima u t-twissja tal-parabbola għalina l-insara tal-lum.

It-tliet Evanġelisti mbagħad żiedu din it-tifsira allegorika mal-parabbola ta' Ġesù u qegħduhielu fuq fommu, għax kienu jifhmu li l-Knisja appostolika kienet titkellem f'ismu. Differenzi żgħar naraw bejniethom it-tlieta. Mattew jimxi ma' Marku; iżid biss xi kliem li bih ifisser xi ftit aħjar, bħall-kelma "ma jifhimhiex" (13, 18. 23) b'riferenza għall-kelma biex jafferma li l-kelma mhux biżżejjed tismagħha, iżda trid tifhima wkoll. Luqa, li kiteb għall-insara aktar maturi, jenfasizza l-ħtieġa tal-fidi, iwissihom biex iżommu sħiħ fiha minkejja t-tfixkil kontra tagħha u jħeġġiġhom biex iħalluha taħdem il-frott tagħha f'ħajjithom. ■

### 40 SENA MIT-TWAQQIF TAL-GRUPP TA' TALB

# 'MADONNA TAL-GRAZZJA' TA' SAN PIJU TA' PIETRELCINA F'TAS-SLIEMA



**ID-DEVOZZJONI LEJN IL-KAPUĊĊIN TAL-PJAGI FIL-GŻEJJER MALTIN, NISTGĦU NGĦIDU LI BDIET TINĦASS MADWAR 80 SENA ILU.**

Fl-1972, il-Provinċjal tal-Kapuċċini, Patri Franġisku Azzopardi minn tas-Sliema, ħatar lil Patri Anton Azzopardi bħala promotur tad-devozjoni lejn Patri Piju tal-Pjagi.

L-Ewwel Grupp ta' Talb twaqqaf il-Mosta, fid-Dar ta' l-anzjani, Pax et Bonum, imexxija mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù f'Jannar tas-sena 1973.

Imbagħad iktar tard f'dik l-istess sena, fix-xahar t'Ottubru, twaqqaf Grupp ta' Talb ieħor. Din id-darba fil-Parroċċa ta' Stella Maris, tas-Sliema, fiż-żmien li fih kien Kapillan Mons. Carmelo Bianco.

Dan il-Grupp ta' Talb huwa taħt il-ħarsien tal-Madonna tal-Grazzja. Dan l-anniversarju ser jiġi mfakkar b'Laqgħa ta' Talb nhar it-Tlieta, 22 t'Ottubru, fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, Tas-Sliema.

Il-Laqgħa tibda bir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat, fis-6.00pm u wara Quddiesa Konċelebrata ta' Radd il-Ħajr. Sder imexxi P. Martin Micallef, il-Ministru Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini ■

# IMSEJĦIN BIEX JEVANĠELIZZAW



AĦNA NEMMNU LI ŻWIEĠ B'SAĦĦTU HUWA IDEAL POSSIBBLI, JISTA' JINTLAĦAQ U JAQBEL LIS-SOĊJETÀ KOLLHA. IN-NISRANI GĦANDU GĦODDA KBIRA BIEX JAGĦMEL DAN PERMEZZ TAT-TAGĦLIM LI NSIBU FL-EVANĠELJI. ILLUM SEJRIN NIRRIFLETTU FUQ DAK LI JGĦIDILNA L-EVANĠELISTA SAN LUQA FIL-KAPITLI 10, VERS 1:

***"Wara dan, il-Mulej għażel tnejn u sebgħin oħra u bagħathom tnejn tnejn qablu f'kull belt u post fejn kien se jmur hu".***

Hawnhekk il-Vanġelu ma kienx qed jitħaddet fuq it-Tnax, mill-Appostli, jiġifieri mill-Isqfijiet suċċessuri tagħhom u mis-saċerdoti fil-Knisja, imma mil-lajċi. It-tnejn u sebgħin kien in-numru ta' ulied li tnisslu minn ulied Noe, wara d-dulluvju, u li ġew mibgħuta mad-dinja, biex jagħtuha ħajja ġdida (Ġen 10,32).

*"Kemm ikun isbaħ iż-żwieġ kieku lkoll inħarsu lejh bħala "vokazzjoni u missjoni"!"*

Il-lajċi wkoll huma mibgħuta fid-dinja biex jagħtuha l-ħajja. U l-aktar li jeżistu lajċi mibgħuta tnejn tnejn huma żgur il-koppji miżżewġin insara. Ħafna nies jaħsbu li l-isqfijiet u s-saċerdoti biss għandhom vokazzjoni u missjoni, jiġifieri ġew imsejħin minn Ġesù u mibgħutin minnu. Dan huwa veru. Dawk għandhom vokazzjoni u missjoni partikulari, l-aktar biex jibnu s-Saltna ta' Alla mill-u fl-istrutturi tal-Knisja bis-setgħa tal-Ordinazzjoni bħala sagrament.

Imma l-lajċi huma msejħa u mibgħuta biex jibnu s-Saltna ta' Alla bil-qawwa li toħroġ mill-Magħmudija bħala sagrament u mill- u fl-istrutturi tad-dinja, u qabel xejn fil-familja. Għalhekk kull koppja miżżewġa, issa wkoll bil-qawwa taż-żwieġ bħala sagrament, għandha tħoss li rċiviet mingħand Alla "vokazzjoni u missjoni" speċjali. Il-koppja hi magħmula minn żewġ persuni, imsejħin minn Ġesù, tnejn tnejn, mibgħutin sabiex jiffurmaw familja skont il-qalb tiegħU u skont l-istil tal-imħabba li għallimna Hu.



Kemm ikun isbaħ iż-żwieġ kieku lkoll inħarsu lejh bħala "vokazzjoni u missjoni"! Il-miżżewġin huma ambaxxaturi u prekursuri ta' Ġesù (bagħathom qablu f'kull belt u post fejn kien se jmur Hu). U dan biex iħejju t-triq għall-Mulej, għal xulxin, u flimkien għal uliedhom. L-awgurju tagħna hu li nippruvaw bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu nibnu żwieġ b'saħħtu, mibni fuq it-tagħlim u l-eżempju ta' Ġesù fl-Evanġelju. ■

BR. JOHN CASSAR OFMCap

# JUM IL-MISSJONI 2013

F'DAWN IL-JIEM IL-KNISJA KATTOLIKA QED TIĊĊELEBRA JUM IL-MISSJONI LI FIH TIRRIFLETTI FUQ IL-ĦIDMA MISSJUNARJA TAGĦHA LI TWETTAQ PERMEZZ TA' SAĊERDOTI, RELIĠJUŻI U LAJĊI, U LLUM UKOLL PERMEZZ TA' FAMILJI SĦAĦ. L-INSARA KOLLHA HUMA MĦEĠĠA BIEX HUMA WKOLL IKUNU PROTOGANISTI TA' DIN IL-ĦIDMA MISSJUNARJA LI L-KNISJA ILHA TWETTAQ GĦAL ŻEWĠ MILLENJI SĦAĦ.

Kien il-Papa Piju XI li fl-1926 waqqaf il-Ġurnata Missjunarja u ried li din issir kull sena fit-tielet Ħadd ta' Ottubru. L-iskop ta' din il-ġurnata hu li, fi spirtu ta' għaqda mal-Knisja universali, jiġi mġedded l-impenn għat-tixrid tal-messaġġ tal-Evanġelju. Dan il-Jum ifakkarna lkoll fl-impenn missjunarju li lkoll kemm aħna għandna biex ilkoll nagħtu sehemna għax-xandir tal-Evanġelju kemm b'ħajjitna kif ukoll b'ħidmietna. U dan jgħodd kemm għalina li rċivejna l-fidi minn ċkunitna, l-aktar li llum anke fl-ambjenti tagħna għandna l-ħtieġa li nżommu din il-fidi ħajja u nħeġġu l-fjamma tagħha biex tkompli taqbad fejn tkun qed tnin!

Imma dan jgħodd ukoll għall-istess insara li rċivew il-fidi fi żmienna stess, l-aktar fil-kontinenti tal-Afrika, Asja u Amerka Latina, biex huma wkoll ikunu missjunarji. Wara d-diskors famuż li l-Papa Pawlu VI kien għamel waqt iż-żjara fl-Uganda fl-1964 meta ħeġġeġ lill-insara Afrikani biex huma wkoll ikunu missjunarji għal ħuthom li kienu għad ma semgħux bi Kristu, dan sar aktar urġenti.

F'dan il-kontest jiftiehem aħjar kliem il-Papa Franġisku l fil-Messaġġ tiegħu għal dan il-Jum:

*"Nixtieq nagħmel kuraġġ lil kulħadd biex iwassal il-Bxara t-Tajba ta' Kristu, u jiena grat b'mod partikulari għall-missjunarji kollha*

***rġiel u nisa, għas-saċerdoti tal-Fidei Donum, għar-reliġjużi kollha, għal-lajċi li kull ma jmur qed jikber il-għadd tagħhom, li jisimgħu s-sejħa tal-Mulej, iħallu pajjiżhom biex jaqdu l-Evanġelju f'artijiet u f'kulturi diversi. Imma rrid ukoll insemmi kif l-istess knejjes żgħażagħ qed jimpenjaw ruħhom b'mod ġeneruż biex jibagħtu missjunarji fil-knejjes li jkunu f'diffikultà - mhix ħaġa rari fi knejjes ta' kristjanità antika – meta jwasslulhom b'dan il-mod iż-żgħożija u l-entużjażmu li bihom huma jgħixu l-fidi li ġġedded il-ħajja u tnissel it-tama".***

*"Ma tistax tkun missjunarju tajjeb jekk ma jkollokx fidi u li tkun ġeneruż, mhux biss ma' Alla imma wkoll man-nies li magħhom tkun qed taħdem."*

Li tkun missjunarju jfisser, li l-ewwel u qabel kollox twieġeb għas-sejħa ta' Kristu, ...morru fid-dinja kollha u waslu l-Bxara t-Tajba.... (Mk 16 - 17 ). Hija sejħa li jkun qed jagħmillek il-Mulej biex tħalli 'l-pajjiżek u tmur taqsam id-don tal-fidi u twassal l-Aħbar it-Tajba f'pajjiż fejn il-Knisja għadha qiegħda tikber jew inkella fejn l-Aħbar it-Tajba tkun għadha ma waslitx. Biex il-missjunarju jwieġeb għal din is-sejħa l-iżjed ħaġa importanti hija li jkun bniedem ta' fidi; u bħal Abraham jintelaq f'idejn Alla u jħallih imexxih lejn l-art li juriħ Hu. Barra minn hekk irid ikun ukoll ġeneruż mar-rieda ta' Alla. Il-ġenerożità hija virtù importanti ħafna f'kull missjunarju. Ma tistax tkun missjunarju tajjeb jekk ma jkollokx fidi u li tkun ġeneruż, mhux biss ma' Alla imma wkoll man-nies li magħhom tkun qed taħdem.

Kull missjunarju li jwieġeb għas-sejħa ta' Alla, huwa mibgħut mill-Knisja u f'isem il-Knisja. Il-Knisja tagħtih mandat biex f'isimha jkun jistà jwettaq il-ħidma missjunarja. Il-ħidma li jrid iwettaq ma tkunx tiegħu, imma ta' dak li jkun bagħtu, f'dan il-każ, il-Knisja. F'kull ħidma ta' evaġelizzazzjoni li tiġbor fiha ħidmiet ta' karità u ta' promozzjoni umana dejjem irid iwassal l-imħabba ta' Sidna Ġesù Kristu. Anke jekk din il-ħidma tiegħu ma tkunx biss ma' dawk li huma insara, imma wkoll ma' nies ta' twemmin ieħor. Għaldaqstant huwa importanti ħafna li l-missjunarju jkun qrib u joħloq ħbiberija sinċiera, mibnija fis-sod fuq l-imħabba li għallimna Ġesù li tkun pront tagħti ħajtek għal dawk mibgħut fosthom u għalihom! Dan jgħodd għan-nies kollha ta' kull twemmin!

Għalhekk huwa ħafna importanti li l-missjunarju jżomm f'moħħu li l-ħidma li jkun qed iwettaq, mhix ħidma sempliċement filantropika, imma ħidma karitattiva. Il-Knisja mhix NGO (Organizzazzjoni mhux governattiva)! Għalhekk, kull attività missjunarja trid dejjem tibda u anke tispiċċa f'isem Ġesù Kristu, kif qal il-Papa Franġisku l dan l-aħħar, meta kien qed jitkellem ma' gruppi diversi ta' Movimenti fi ħdan il-Knisja lejlet il-Pentekoste fit-18 ta Mejju li għadda:

***"Aħna m'aħniex NGO; u meta l-Knisja ssir NGO titlef il-melħ, ma jibqgħalhiex togħma, hija biss organizzazzjoni vojta... Ħaġa waħda***







*tfisser ixxandar lil Ġesù u ħaġa oħra hija li tkun effiċjenti. Le, dak huwa valur ieħor. Il-valur fundamentali tal-Knisja hu li tgħix l-Evanġelju u tagħti xhieda tal-fidi tagħna. Il-Knisja hija l-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja".*

La l-missjunarju huwa mibgħut mill-Knisja f'isem Ġesù u bħal Ġesù, u aħna lkoll membri ta' din il-Knisja, huwa importanti ħafna li l-insara kollha jħossuhom parti minn din il-ħidma globali għall-ġid ta' kull bniedem. Kull nisrani huwa fid-dmir li jagħti s-sapport meħtieġ lil kull missjunarju. U dan nafu kif: l-ewwel u fuq kollox bit-talb, bl-interess tagħna, u kulħadd, skont il-mezzi li jkollu, billi ngħinu kull proġett li jkun qed qed jitwettaq fil-missjoni.

*"Il-valur fundamentali tal-Knisja hu li tgħix l-Evanġelju u tagħti xhieda tal-fidi tagħna."*

Hija l-esperjenza ta' kull min hadem imqar għal xi ftit snin fil-missjoni li l-evanġelizzazzjoni trid titwettaq b'ħafna modi u skont in-nies fejn wieħed ikun u l-ambjent madwar. Għalhekk ħafna drabi l-missjunarju jrid jivvinta skont dak li jara liema huma l-ewwel ħtiġiet tan-nies għal dak li jingħad li huwa l-promozzjoni umana. Dan ifisser l-avvanz tal-bniedem anke fil-ħtiġiet tiegħu bażiċi bħalma huma l-ħajja, is-saħħa u l-edukazzjoni. Għalhekk ukoll huwa jħarreġ ukoll nies tal-post biex dawn il-proġetti jkunu jistgħu jitkomplew sakemm in-nies jgħixu aħjar il-vera dinjità tagħhom.



Kull missjunarju jmur il-missjoni biex iwaqqaf il-Knisja tal-post, jigifieri l-preżenza ta' Ġesù f'nofs dawk li hu jkun mibgħut għalihom. Imma l-missjunarju jaf ukoll li din hija kollha ħidma tal-Mulej. Hu jrid ikun strument adatt f'idejH biex Hu jwettaq il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni għal kulħadd. Ix-xogħol tal-missjunarju hu li jieħu ħsieb li jikkultiva dik il-ġemgħa nisranija anke jekk żgħira. Dan ma jagħmlux biss bil-bini ta' knejjes u ċentri pastorali u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti. Imma, billi jieħu ħsieb jipprepara u jifforma lajci ħalli jkunu jistgħu isiru katekisti, biex b'hekk il-ħidma ta' evangelizzazzjoni tinbena aktar fis-sod. Hekk il-knisja lokali tissawwar dejjem aktar fis-sod u ssir parti mill-Knisja Universali. Hawn l-lajci għandhom sehem importanti ħafna. Ħafna drabi, minħabba d-distanzi ma jkunx ħafif li l-missjunarju jilħaq lill-insara kollha fil-post fejn ikun, b'mod specjali fil-jum tal-Ħadd. Ix-xogħol tal-katekist, minbarra li jgħallem il-katekiżmu, ikun jista' wkoll ilaqqa' l-insara biex jaqraw flimkien il-Kelma t'Alla, jirriflettu u jimmeditaw u jitolbu fuqha. U fuq kollox jaraw kif jgħixuha fl-ambjent tagħhom fejn ikunu. Imma barra dan, u b'hekk ukoll, il-lajċi nfushom iħossuhom parti mill-Knisja u jagħtu sehemhom kulħadd skont il-grad u d-doni li l-Mulej ikun sawwab fuqhom.

Il-missjunarju jrid ukoll jaħdem għall-vokazzjonijiet fil-Knisja lokali: kemm dawk għall-ħajja kkonsagrata biex bix-xhieda tagħhom juru l-impenn ta' ħajja skont l-Evanġelju kif ukoll vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali. Għax mingħajr dawn ma jistax ikun hemm il-ħajja sagramentali, b'mod speċjali l-Ewkaristija. Huwa importanti ħafna li l-missjunarju jitlob u jaħdem għall-vokazzjoniet, u jġiegħel lil min jagħmel dan ukoll. Fil-kuntatt li jkollu maż-żgħażagħ iħeġġiġhom biex anke huma jiddixxernu fuq ħajjithom u jitolbu biex jekk xi ħadd ikun qed iħoss is-sejħa għas-saċerdozju jew ħajja konsagrata, dan jikkopera ma' din is-sejħa li Alla jkun qed jagħmillu. U kull min iħobb tassew il-ħidma missjunarja tal-Knisja jgħin b'kull mod fil-formazzjoni taż-żgħażagħ f'dan il-qasam biex jinżammu s-seminarji u d-djar tal-formazzjoni għall-ħajja kkonsagrata. Hekk il-ġemgħa nisranija, tkun fejn tkun, tkun missjunarja tassew u tkun qed twassal lil Kristu u t-tagħlim tiegħu dejjem u kullimkien.

JUM IL-MISSJONI jfakkarna lkoll fis-sehem tagħna li jien u inti għandna biex insaħħu l-ħidma missjunarja tal-Knisja kemm f'pajjiżna kif ukoll kullimkien biex Kristu jkun magħruf u maħbub kullimkien; u lkoll kemm aħna, bħala bnedmin, ulied l-istess Missier tas-sema, ngħixu bħal aħwa tassew fil-għaqda u fil-paċi. ■

# Int Qaddis Kbir



*Franġisku t'Assisi, int qaddis kbir quddiem il-Ħallieq*
*Ħarisni, mexxini fi Triq is-Sewwa*
*Ressaqni, għallimni fuq Tiegħu nimxi t-Triq*

*Franġisku t'Assisi, lil Kristu int wisq ħabbejt*
*Għarrafni t-tbatija nilqa' bis-sabar*
*Ninsa lil nnifsi, anke sa issa kif trabbejt*

*Franġisku t'Assisi, kemm saħħtek l-Ispirtu Qaddis*
*Sa anke batejt u ċħadt lilek innifsek*
*Biex irbaħt erwieħ u lejn Alla resqu fis*

*Franġisku t'Assisi, kemm ħabbejtha lill-Verġni Immakulata*
*Tgħannaqt Magħha bħalma iben m'ommu jitgħannaq*
*U Hi mexxietek tul ħajtek f'kull ġurnata*

*Franġisku t'Assisi, kemm qlub ressaqt lejk*
*Kienu wisq żgħażagħ li kkonvertew lejn Alla*
*Ilqa' talbna hawn issa f'riġlejk*

*Franġisku t'Assisi, kemm tgħaxxaqt bil-ġmiel tal-fjur*
*Faħħart 'l Alla għall-opri t'idu*
*Ħabbejt il-ħolqien, l-annimali, it-tjur*

*Franġisku t'Assisi, int l-ifqar fost il-fqajrin*
*Resqu wisq lejk għal tjubitek*
*Fuq triqatek bik aħna mdawlin*

*Franġisku t'Assisi, int xandart fil-paċi l-ġid*
*U qlubna b'ferħ mimlija*
*Għax Kristu hekk għallimna biex ta' qlubna jkun is-Sid*

*Franġisku t'Assisi, ħalli ntemm dan it-tifħir*
*Lil Alla Glorja, 'l-Immakulata u lilek qima*
*Berikna, ħarisna, lilna uliedek Franġiskani*
*għax ġo qlubna għandek post kbir!*



# ĠAWHRA OĦRA

ĠAWHRA! ŻGĦIRA FIL-QIES IMMA TISWA MITQLA DEHEB GĦAL DAWK LI JIFHMU FIL-BEJGĦ TAGĦHA. MIN JIXTRI ĠAWRHA JIBŻA' GĦALIHA U JĦARISHA MINN KULL ID ĦATTAFA.

Kull qassis huwa ġawhra fid-djoċesi tiegħu. Iktar ma wieħed jgħasses fuqu nnifsu iktar isaħħar id-djoċesi tiegħu.

## BIDLA FIR-RAĦAL

Is-Sibt 11 ta' Mejju 2013, kienet festa mill-isbaħ għan-nies tar-raħal bl-isem ta' Lango Baya, wieħed mill-irħula tad-Djoċesi ta' Malindi-Kenja. Ferħ li ma jitfissirx kien f'qalb kulħadd, l-iżjed f'qalb is-Seminarista Samwel Kalu Kenga, li kien wasal iż-żmien li jigi maħtur Djaknu minn Mons. Emanuel Barbara OFM Cap isqof ta' Malindi.

Samwel Kenga, bin Stiefnu u Agnes, huwa l-ewwel iben fil-familja. Stiefnu, missier is-Seminarista, għamel żmien twil jgħin lill-missjunarji fit-taħbir tal-Kelma ta' Alla u xogħol ieħor ta' siwi li kien hemm bżonnu dak iz-zmien. Din il-ħidma qaddisa saħħet minn jum għal ieħor it-twemmin nisrani għal dan il-Katekista.

Samwel mal-ġenituri tiegħu.



Il-miġja ta' Stiefnu f'Lango Baya kienet barka minn Alla, għax in-nies li kienu jgħixu f'dan ir-raħal ma kellhom l-ebda ħjiel ta' twemmin nisrani. Bla telf ta' żmien Stiefnu beda jgħallem liż-zgħar u lill-kbar biex il-Knisja ta' Kristu titħawwel u trabbi għeruqha f' dak ir-raħal ukoll.

Il-gemgħa tal-insara bdiet tikber u Stiefnu, flimkien mal-insara, kienu jiltaqgħu taħt siġra mogħla hawn, jaqraw il-Kelma ta' Alla, jitolbu, ikantaw u jiftehmu bejniethom kif jista' wieħed jgħin lill-ieħor. Kull tant Stiefnu kien iġib missjunarju biex jgħammed u jqaddsilhom quddiesa.

Il-ħeġġa tal-insara ġġagħalhom li jingħaqdu iżjed flimkien u jibnu knisja tal-ġebel. Kien il-ferħ ta' kulħadd meta l-missjunarju bierek il-knisja, qaddes l-ewwel quddiesa fiha u sejjaħ lill-Madonna taħt l-isem ta' Marija Konsolata biex tħares lin-nies ta' Lango Baya minn kull tfixkil tar-ruħ u tal-ġisem. Illum f'dan ir-raħal hemm dar tal-Patrijiet u tas-Sorijiet u skola għat-tfal iż-żgħar.

Xrara nar hija żgħira, imma ma fejn tmiss tagħmlu ħuġġieġa.

## BIN IL-KATEKISTA

Samwel, li tgħammed ftit xhur wara twelidu, trabba f'għożża ta' mħabba lejn Alla u lejn għajru. Agnes, omm Samwel, kienet tieħu lil binha magħha l-Knisja, u meta kient tara l-missjunarju jqaddes, imdawwar bl-abbatini, kienet tgħid lil binha: ***" Samwel, dak ta' hemm huma nies twajba. Għamel ħiltek biex tkun bħalhom."***

Kliem ħafif, imneżża' minn kull ħsieb għoli. Kliem li baqa' minqux f'qalb Samwel, sawru u qawwih biex jingħaqad mal-abbatini.

Stiefnu, missier Samwel, ma kienx iħalli lil ibnu bi kwietu. Dejjem kien iqabbdu jgħallem


Samwel mixħut wiċċu fl-art għall-litanija.

il-Katekiżmu lit-tfal iż-żgħar, inaddaf il-knisja u madwarha jew jaħsel il-ħwejjeġ li jintużaw waqt il-quddiesa.

Alla l-Ħallieq tefa' għajnejh fuq Samwel u għażlu għalih. Iż-żagħżugħ trabba kemm fit-twemmin nisrani kif ukoll fit-twemmin ta' missirijietu. Kien jaf sa minn ġuf ommu li ħadd m'għandu s-setgħa li jxekkel it-tnissil tal-ulied għal ġensu. Minn jażżarda jagħmel dan taqa' fuqu s-saħta ta' ġensu. Is-sejħa ta' Alla u ż-żwieġ b'għamar ta' ġensu, ġiebu lil Samwel bejn ħaltejn

*"Alla l-Ħallieq tefa' għajnejh fuq Samwel u għażlu għalih. Iż-żagħżugħ trabba kemm fit-twemmin nisrani kif ukoll fit-twemmin ta' missirijietu."*

Samwel mar jgħid lil missieru biex jgħinu joħroġ mit-taħbila li daħal fiha. Stiefnu qal lil ibnu: ***"Alla huwa s-sutan ta' ġensna. Obdi Lilu f'kollox"***

B'dan il-kliem ta' faraġ, Samwel beda l-mixja tiegħu lejn is-Saċerdozju.

## JUM IL-FESTA

Iż-żmien itir u bla ma trid tħabbat wiċċek ma' dak li kien deherlek f'ħolma. Il-ħatra ta' Samwel bħala Djaknu kienet festa mill-akbar għan-nies ta' Lango Baya kemm għax dan iż-żagħżugħ huwa l-ewwel wieħed fost iż-żgħażagħ tar-raħal li ntgħażel bħala Saċerdot kif ukoll għax huwa t-tieni wieħed fost it-tribù Girjama li qiegħed jaħdem fid-Djoċesi ta' Malindi-Kenja.

L-Isqof Emanuel Barbara OFM Cap, imħeġġeġ b'din il-ġawhra fid-Djoċesi tiegħu, ma naqasx li jfiehem lin-nies bil-ġid li ħareġ minn raħal żgħir u fqir.

***"Intom fqar quddiem nies oħra"*** qal l-Isqof, ***"imma għonja f'għajnejn il-Knisja u Alla Missierna. Samwel huwa xhieda ta' kif trabba fil-familja tiegħu: Trobbija mwaqqfa fuq kliem Kristu, trobbija li jista' jitrabba fiha kulħadd.***

***Dak li tħawwel f'qalb il-ġenituri ta' Samwel mill-missjunari ta' qabilna, tħawwel f'qalb Samwel biex hu stess iħawlu fi qlub oħra."***

It-talb tal-ordinazzjoni, imżewwaq minn innijiet li jnisslu ferħ f'qalb il-ġemgħa tbierku minħabba x-xita sewwa li niżlet fuq in-nies tar-raħal u dawk li ġew iżuruhom.

Id-Djoċesi ta' Malindi qiegħda tissaħħaħ fil-ħidma tagħha kemm bis-Saċerdoti Djoċesani kif ukoll bil-ħidma tar-Reliġjużi rġiel u nisa.

L-ordinazzjoni ta' Samwel.



# IL-PAPIET LI NIFTAKAR (IV)



MIN GĦEX MIT-TIENI GWERRA DINJIJA 'L HAWN, JIFTAKAR NUMRU TA' PAPIET LI OKKUPAW IS-SIĠĠU TA' SAN PIETRU FIL-VATIKAN BIEX MINN HEMM, HUMA JMEXXU L-MILJUNI TA' KATTOLIĊI MADWAR ID-DINJA U JKUNU TA' EŻEMPJU GĦALIHOM. WARA LI DIĠÀ TKELLIMNA MILL-AĦĦAR PAPIET LI L-KNISJA KELLHA TUL DAWN L-AĦĦAR 60 SENA, ILLUM SEJRIN NIPPREŻENTAW LILL-PAPA PREŻENTI.

## PAPA FRANĠISKU

Il-Knisja Kattolika kienet ilha mijiet ta' snin ma jkollha Papa li jirriżenja mill-kariga tiegħu. Normalment, il-Konklavi jiltaqa' biex jeleġġi Papa għax ta' qablu jkun miet. Fit-13 ta' Marzu tas-sena 2013, wara 4 votazzjonijiet, il-Kardinali ħatru lill-Ġiżwita Jorge Mario Bergoglio, Arċisqof ta' Buenos Aires fl-Arġentina biex ikun il-Papa l-ġdid. Folla kbira ta' nies stenniet bil-ħerqa fi Pjazza San Pietru anzjuża li tisma' min ser ikun il-Papa suċċessur ta' Benedittu VXI hekk kif miċ-ċumnija tfaċċa duħħan abjad. Ġie annunzjat li l-Kardinal Bergoglio ħa l-isem ta' Francesco – simbolu tal-faqar li għex fih u bħalma sejjaħ lilu nnifsu kontinwament bħala ***"l-Isqof ta' Ruma"***. San Franġisk huwa wkoll Protettur tal-Italja. Xi ħadd iddeskrivih bħala ***"Ġiżwita bi spirtu Franġiskan"***. Meta deher fil-loġġa tal-Vatikan, il-folla li ratu u l-eluf kbar l-oħra li segwew it-televiżjoni, jidher li nġibdu ħafna lejh minħabba s-sempliċità li tkellem biha. Stqarr, li l-isem Franġisku ġieh f'rasu meta Kardinal kollega tiegħu li kien ħdejh, hekk kif ra n-numru kbir ta' voti li ġab, qam, għannqu u feraħlu filwaqt li qallu biex jibqa' jaħseb fil-foqra. San Franġisk ta' Assisi għamel proprju hekk. Irrinunzja għall-ġid u r-rikkezzi ta' missieru biex jgħix mal-foqra. Il-fatt ukoll, li l-Kardinal Bergoglio għex fl-Arġentina qalb il-faqar, ħalla wkoll l-effett fuq il-personalità tiegħu. Bl-aktar mod sempliċi, fl-ewwel diskors tiegħu sellem lill-folla bil-kliem: ***"Fratelli e sorelle, buona sera"*** u qal, li sħabu l-Kardinali marru 'l bogħod biex ifittxuh u issa qiegħed hawn. Biex ikompli mal-mixja sempliċi ta' ħajtu, huwa rrinunzja li jilbes il-muzzetta, iż-żarbun u l-kappell aħmar filwaqt li beda u baqa' jirreferi għalih innifsu bħala l-Isqof ta' Ruma.



Il-Vigarju Ġenerali Mons. Charles J. Scicluna iddeskrivih bħala ***"bniedem kbir fis-sempliċità tiegħu"***. Dan urieh, bil-mod kif inkina quddiem il-folla meta, wara li talab għall-bżonnijiet tal-predeċessur tiegħu, talabhom biex jitolbu għalih; meta mar personalment u nsista li jħallas il-kont tal-lukanda; meta rikeb ma' sħabu l-Kardinali fl-autobus uffiċjali minflok mar bil-karrozza li normalment juża l-Papa; kif mar iżur lil wieħed mill-Kardinali rikuverat fi klinika; kif mexa qalb in-nies u feraħ b'kull wieħed minnhom wara l-Quddiesa tal-Ħadd fil-Knisja ta' Sant'Anna; kif sellem u bies tifel bi bżonnijiet speċjali waqt id-dawra bil-*jeep* fi Pjazza San Pietru; bil-mod sempliċi iżda sollenni kif tmexxiet il-Quddiesa tal-inawgurazzjoni tiegħu (19.03.2013) li għaliha kienu preżenti ħafna Kapijiet ta' Stati fosthom minn Malta; l-omelija sempliċi (din id-darba miktuba) li biha wissa biex il-bniedem ma jegħja qatt jitlob maħfra lil Alla għax Alla ma jegħja qatt jaħfer. Kellu kelma wkoll għall-Kapijiet ta' Stati preżenti biex ma jinsewx il-foqra. Wissiehom biex jiftakru li dmirhom huwa li jservu. Billi kienet il-festa ta' San Ġużepp, il-Papa fakkar li Alla għażel lil San Ġużepp biex ikun il-kustodju ta' Marija u hekk il-Gvernijiet għandhom ikunu l-kustodji li jaraw li jseħħ il-ġid fil-pajjiż tagħhom u jimxu bit-tjubija u l-ħniena. Mad-daqqa t'għajn, dawn jidhru affarijiet żgħar, iżda fir-realtà, it-tifsira tagħhom hija kbira. Bla dubju, ser ikun biċċa wġigħ ta' ras għall-membri tas-sigurtà tiegħu. ■

# JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

## RIO DE JANEIRO - BRAŻIL 2013

Eluf ta' żgħażagħ minn 190 pajjiż differenti ppakkjaw il-bagalja u lestew il-passaport biex bejn it-23 u t-28 ta' Lulju li għadda, flimkien ma' Papa Franġisku ċċelebraw il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ fil-belt ta' Rio fil-Brażil.

Meta t-Tlieta saret il-quddiesa li tat bidu għall-ġimgħa tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, fuq il-bajja ta' Copacabana attendew 600,000 ruħ. Jumejn wara, meta Papa Franġsiku tkellem għall-ewwel darba maż-żgħażagħ fuq l-istess bajja, kien hemm 1.2 miljun persuna.

Għall-Via Sagra attendew żewġ miljun ruħ.

WYD Rio2013

Imma l-bajja ta' Copacabana kienet ippakkjata bin-nies is-Sibt u l-Ħadd. Fil-fatt, għal waqt il-velja ta' talb li saret is-Sibt filgħaxija kien hemm 3.5 miljun żagħżugħ u żagħżugħa mid-dinja kollha.

L-għada filgħodu, għall-quddiesa li tfakkar il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Copacabana kien hemm 3.7 miljun persuna. Tul din il-ġimgħa ġew ikkunsmati 4 miljun ostja.

Din kienet it-tieni darba li ċ-ċelebrazzjonijiet għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ saru fl-Amerika Latina. Fl-1987 il-kapitali tal-Arġentina Buenos Aires laqgħet l-ewwel Jum Dinji taż-Żgħażagħ li sar barra minn Ruma.

Kif kien mistenni, il-maġġoranza tal-pellegrini li kienu f'Rio, huma Brażiljani. Spikkaw ukoll pellegrini mill-Arġenitina, Stati Uniti, Ċili, Italja, Venezwela u Messiku. Madanakollu, pellegrini rreġistrati kien hemm 427,000 minn 175 pajjiż differenti.

60% tal-pellegrini rreġistrati kellhom bejn id-19 u l-34 sena.

Voluntiera kien hemm 60,000 filwaqt li kien hemm 800 artist li ħadu sehem f'attivitajiet fiċ-Ċentru ta' Rio, f'Copacabana u fi Quinta da Boa Vista.

Sessjonijiet ta' katekeżi kien hemm 264 b'25 lingwa. Il-grupp ta' 45 Malti ntgħażel biex janima is-sessjoni ta' katekeżi bl-Ingliż u li għalihom attendew pellegrini minn diversi pajjiżi fosthom minn Franza, Irlanda, Mongolja, Brażil, Stati Uniti u Gwatemala fost l-oħrajn.

Isqfijiet attendew 644 u 28 minnhom kienu kardinali. B'kollox kien hemm 7,814-il saċerdot.

Mil-lat ekonomiku, il-pellegrini nefqu kważi 600 miljun ewro. Matul il-ġimgħa tal-Jum Dinji ta-Żgħażagħ inġabru 345 tunnellata ta' skart organiku u 45 tunnellata ta' materjal riċiklabbli.

*RIO DE JANEIRO, 31 Jul. 13 / 02:53 pm (ACI/EWTN Noticias).- Aciprensa*



# SILTIET QOSRA
# MID-DISKORSI TAL-PAPA FIL-JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-BRAŻIL









## ĊERIMONJA TA' MERĦBA

*"Ma ġejtx bid-deheb u l-fidda, imma dak li għandi nagħtihulkom: ĠESÙ KRISTU."*

*"Nieħdu ħsieb il-kundizzjonijiet materjali u spiritwali taż-żgħażagħ għall-iżvilupp sħiħ tagħhom; nagħtuhom bażi soda fuqiex jistgħu jibnu ħajjithom... nittrasmettulhom valuri dejjiema li għalihom jiswa li tgħix... biex ikunu protagonisti tal-futur tagħhom u korresponsabbli mid-destin ta' kulħadd"*

## FIS-SANTWARJU TAL-APARECIDA

*"Jeħtieġ ngħinu liż-żgħażagħ jgħożżu l-valuri: spiritwalità, il-ġenerożità, is-solidarjetà, il-perseveranza, il-fraternità, il-ferħ; dawn il-valuri jsibu l-għeruq tagħhom l-aktar profondi fil-fidi nisranija"*

*"Inħallu lil Alla jissorprendina... L-imħabba t'Alla tbiddel id-dnub fi grazzja, il-ħażen fit-tajjeb, ... dak li huwa diffikultà, dak li hu dnub, jinbidel fi nbid ġdid ta' ħbiberija miegħU"*

*"Jekk ikollna tama f'Ġesù, ma nistgħux ma nkunux ferħanin, u nagħtu xhieda tal-ferħ tagħna. Kif kien qal Papa Benedittu XVI f'dan is-Santwarju: Id-dixxiplu jagħraf li mingħajr Kristu m'hemmx dawl, m'hemmx tama, m'hemmx imħabba, m'hemmx futur".*

## FL-ISPTAR TA' SAN FRANĠISK

*"Ilkoll neħtieġu ngħannqu lil min hu fil-bżonn, kif għamel San Franġisk... Noffru wkoll idejna lil min jinsab f'diffikultà, lil min waqa' fid-dlam, forsi mingħajr ma jaf kif, u ngħidulu: Inti tista' tqum, tista' terġa' tibda t-telgħa, huwa xi ftit iebes, imma possibbli jekk trid"*

## WARA L-VIŻTA FL-ISPTAR, LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

*"Kristu biss jista' jwieġeb għall-mistoqsijiet tagħkom dwar il-fidi u l-ħajja, afdaw fi Kristu, isimgħuH, imxu fuq il-passi tiegħu"*

## LILL-KOMUNITÀ TA' VARGINHA (MANGUINHOS)

*"M'hemmx promozzjoni tal-ġid komuni veru, lanqas żvilupp tassew tal-bniedem, meta jiġu mwarrbin il-pilastri fundamentali li jmexxu Nazzjon, il-ġid tiegħu mhux materjali: il-ħajja, li hija don t'Alla..., il-familja, pedament tal-għixien flimkien u rimedju kontra l-isfaxxar soċjali, l-edukazzjoni sħiħa, ... is-saħħa... Taqtgħux qalbkom... Fittxu intom l-ewwel li tagħmlu t-tajjeb, tidrawx il-ħażin, imma irbħuh bit-tajjeb".*

## LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-KATTIDRAL TA' SAN SEBASTJAN

*"Hawn f'Rio hawn ħafna storbju...Imma rrid li dan tagħmluh fid-djoċesijiet, irrid li joħroġ barra, irrid li l-Knisja toħroġ fit-toroq, irridu niddefendu lilna nfusna minn kull mondanità, mill-immobiliżmu, minn dak li huwa kumdità, minn dak li huwa klerikaliżmu, minn dak kollu li jagħlaqna fina nfusna. Il-parroċċi, l-iskejjel, l-istituzzjonijiet, huma magħmulin biex joħorġu barra... jekk ma jagħmlux dan isiru NGO, u l-Knisja ma tistax tkun NGO..."*

**"Itolbu għalija, nitlobkom minn qalbi, għandi bżonn it-talb. Neħtieġ it-talb tagħkom, għandi bżonnu ħafna. Grazzi għal dan..."**

*(Il-Papa rrepeta dan kwazi f'kull laqgħa... din kienet waħda mill-iktar espliċita)*

**"Mulej, Inti tfixkil. Inti tfixkil: l-iskandlu tas-Salib. Salib li huwa umiltà, ħlewwa; Salib li jkellimna kemm Alla huwa qribna."**

*(Talba biex bierek xbieha tal-Kurċifiss meta kellem liż-żgħażagħ fil-Kattidral San Sebastjan)*

   

## FESTA TAL-AKKOLJENZA LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

*"Ngħożż b'tifkira ħajja kliem il-Papa Beatu Ġwanni Pawlu II liż-żgħażagħ fl-Argentina fl-1987: Għandi tama kbira fikom! Nawguralkom fuq kollox li ġġeddu l-fedeltà tagħkom f'Ġesù Kristu u s-Salib tiegħu li tana r-redenzjoni".*

*"Illum Ġesù qiegħed jitlobna għal darb'oħra: Trid tkun dixxiplu tiegħi? Trid tkun ħabib tiegħi? Trid tkun xhud tal-Evanġelju tiegħi. Fil-qalba tas-Sena tal-Fidi dawn il-mistoqsijiet jistednuna biex inġeddu l-impenn tagħna bħala nsara".*

*"Ġejt hawn biex insaħħaħkom fil-fidi... imma ġejt hawn jien ukoll biex nissaħħaħ mill-entużjażmu tal-fidi tagħkom!... Kemm hija ħaġa kerha li isqof ikun qalbu sewda! Xi kruha! Sabiex il-fidi tiegħi ma tkunx imnikkta ġejt hawn biex niddakkar mill-entużjażmu tagħkom ilkoll"*

## FL-OMELIJA LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ KATTIDRAL S. SEBASTJAN

*"Qiegħed il-fidi u l-ħajja jkollha togħma aħjar, il-ħajja jkollha boxxla li turi d-direzzjoni;*

*Qiegħed it-tama, u kull jum tiegħek ikun imdawwal u l-orizzont tiegħek ma jibqax aktar imdallam, imma mdawwal;*

*Qiegħed l-imħabba, u l-eżistenza tiegħek tkun bħal dar mibnija fuq il-blat, il-mixja tiegħek tkun ferrieħa, għaliex issib ħafna ħbieb li jimxu miegħek"*

*"Qiegħed lil Kristu f'ħajtek u ssib ħabib li tista' tafda fiH dejjem;*

*Qiegħed lil Kristu f'ħajtek u tara jikbru fik il-ġwienaħ tat-tama biex tiġri bil-ferħ it-triq tal-futur;*

*Qiegħed lil Kristu f'ħajtek u l-ħajja tiegħek tkun mimlija bi mħabbtu, tkun ħajja li tagħti l-frott..."*

*"F'min inqiegħedu l-fiduċja tagħna? Fina nfusna, fl-affarijiet, jew f'Ġesù?... Ċertament li jkollok, il-flus, il-poter, jistgħu għal ftit joffru mument ta' ferħ, l-illużjoni ta' kuntentizza, imma fl-aħħar ikunu huma li jaħkmuna u jixprunawna biex ikollna dejjem aktar... Dan iġib rivoluzzjoni li nistgħu nsejħulha kopernikana... Il-fidi tgħarraqna fi mħabbtu li tagħtina sigurtà, qawwa, tama. Fid-dieher taħseb li ma jkun inbidel xejn, imma fil-profond nett tagħna kollox jinbidel. Meta hemm Alla, fi qlubna jgħammru l-paċi, il-ħlewwa..*

## FL-ANGELUS

*"Nixtieq li ż-żjara tiegħi f'din il-belt ta' Rio iġġedded f'kulħadd l-imħabba għal Kristu u għall-Knisja, il-ferħ li nkunu magħqudin miegħu u li nkunu parti mill-Knisja u l-impenn biex ngħixu u nixhdu l-fidi tagħna".*

*"Illum, f'din il-festa ta' S. Ġwakkin u Sant'Anna fil-Brażil kif ukoll f'pajjiżi oħra, tiġi ċċelebrata l-festa tan-nanniet. Kemm huma importanti dawn fil-ħajja tal-familja biex jikkomunikaw dak il-patrimonju ta' umanità u ta' fidi li huwa essenzjali għal kull soċjetà. U kif ukoll huma importanti l-laqgħa u d-djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet, fuq kolox fi ħdan il-familja".*

## VIA CRUCIS MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

*"Is-Salib iħalli f'kull wieħed u waħda minnkom iċ-ċertezza tal-Imħabba t'Alla li huwa dejjem fidil lejna. Imħabba daqshekk kbira li tidħol fid-dnub tagħna u taħfru, Imħabba li tidħol fit-tbatija tagħna u tagħtina l-qawwa biex inġorruha; tidħol ukoll fil-mewt biex tirbaħha u ssalvana. Fis-Salib ta' Kristu hemm l-Imħabba kollha t'Alla; hemm il-ħniena bla qies tiegħu".*

*"M'hemmx salib ta' ħajjitna, kbir jew żgħir xi jkun, li l-Mulej ma jaqsmux magħna".*

*"Is-Salib ta' Kristu iħallina nitgħallmu minn din l-imħabba; jgħallimna nħarsu dejjem lejn l-oħrajn bi ħniena u bi mħabba, l-aktar dawk li jbatu".*

## QUDDIESA MAL-ISQFIJIET, SAĊERDOTI, RELIĠJUŻI U SEMINARISTI

*"Mhijiex il-kreattività, tkun kemm tkun pastorali, mhumiex il-laqgħat jew il-pjanijiet li jassiguraw il-frott tal-ħidma, anke jekk dawn jgħinu ħafna, imma dak li jassigura l-frott huwa li nkunu fidili għal Ġesù, li jtennilna b'insistenza: Ibqgħu fija u jiena fikom Ġw 15,4".*

*"Inniżżlu l-għeruq ta' qalbna dejjem aktar fil-Qalb tiegħu"*

*"Huwa dmirna bħala Ragħajja ngħinu liż-żgħażagħ biex titheġġeġ fihom ix-xewqa li jkunu dixxipli missjunarji ta' Ġesù... fejn iqegħedna Hu".*

*"Jeħtiġilna noqogħdu bilqiegħda maż-żgħażagħ, nisimgħuhom... Dan nitlobkom b'qalbi kollha! Fil-Konfessjonarju, fid-direzzjoni spiritwali, meta nakkumpanjawhom. Nitgħallmu naħlu ż-żmien magħhom...".*

*"Għeżież Isqfijiet, Saċerdoti, Reliġjużi u Seminaristi... kunu qaddejja tal-komunjoni u tal-kultura tal-laqgħa. Nixtieqkom tkunu kważi ossessjonati f'dan is-sens... U tagħmluh mingħajr ma tkunu prużuntużi billi timponu*










"il-veritajiert li nħaddnu aħna", imma aktar immexxijin miċ-ċertezza umli u ħienja ta' min kien misjub, milħuq u mibdul mill-Verità li huwa Kristu u ma jistax ma jxandarhiex (ara Lq 24,13-35)".

## LILL-KLASSI DIRIĠENTI TAL-BRAŻIL

"Jalla t-tifkira tal-mixja u tal-kuxjenza ta' pajjiżkom u t-tama li dan ikun dejjem miftuħ għad-dawl li jiġi mill-Evanġelju jkunu jistgħu ikomplu u jiżviluppaw".

"Jeħtieġ li jkollkom fil-bażi l-viżjoni tal-bniedem, tal-libertà tiegħu, tal-valur tiegħu, tal-ftuħ tiegħu għal dak li huwa traxxendenti... Tibżgħux toffru dan il-kontribut tal-Knisja li huwa għall-ġid tas-Soċjetà kollha..."

## VĠILI TA' TALB MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

"San Franġisk mhux biss bena l-knisja bil-ġebel, imma ta s-sehem tiegħu għall-ħajja tal-Knisja; offra s-servizz tiegħu għall-Knisja, billi ħabbha u ħadem biex fiha jirrifletti dejjem aktar il-Wiċċ ta' Kristu".

"Kristu qiegħed isejjaħ kull wieħed u waħda biex jimxu warajH fil-Knisja u jkunu missjunarji. Għeżież żgħażagħ, il-Mulej qed isejħilkom mhux bħala gozz! Imma lilek, lilek, lilek, kull wieħed u waħda. Isimgħu f'qalbkom dak li jrid jgħidilkom".

"Ħallu lil Kristu u Kelmtu jidħlu fil-ħajja tagħkom, ħallu ż-żerriegħa tal-Kelma t'Alla tidħol, ħalluha tinbet, ħalluha tikber, Alla jagħmel kollox, imma intom ħalluH jaħdem, ħalluH iwettaq dan it-tkabbir!.

"Ġesù jitlobna nimxu warajH għal ħajjitna kollha, jitlobna nkunu dixxipli tiegħu, li "nilagħbu fit-tim tiegħu". Ġesù jagħtina xi ħaġa ikbar mit-Tazza tad-Dinja! Xi ħaġa ikbar mit-Tazza tad-Dinja! Ġesù jagħtina l-possibbiltà li ħajjitna tagħmel il-frott, tkun ħajja ħienja u joffrilna wkoll futur miegħU li ma jkollux tmiem, fil-ħajja ta' dejjem".

"Għeżież żgħażagħ, kunu atleti ta' Kristu! Tibżgħux minnu! Permezz tas-Sagramenti li jkabbru l-preżenza tiegħu fina. Permezz tal-imħabba fraterna, li nagħrfu nisimgħu, nagħdru, naħfru, nilqgħu lill-oħrajn, ngħinu lill-oħrajn, kull persuna, mingħajr ma nħallu barra lil ħadd, ma nemarġinaw lil ħadd".

"Aħna m'aħna qatt weħidna, aħna parti minn familja ta' aħwa li qegħdin fl-istess mixja: aħna sehem mill-Knisja... Dawn iż-żgħażagħ ma kinux waħidhom, imma flimkien għamlu mixja u bnew il-Knisja, flimkien wettqu dak li għamel San Franġisk: bena, sewwa l-Knisja".

"Żgħażagħ, nitlobkom ... Kunu protagonisti. Ilagħbu fl-attakk! Ixxuttjaw il-ballun 'il quddiem, ibnu dinja aħjar, dinja ta' aħwa, dinja ta' ġustizzja, ta' mħabba, ta' paċi, ta' fraternità, ta' solidarjetà".

Il-Papa stieden liż-żgħażagħ jirrepetu flimkien: Irrid immur u nibni l-Knisja ta' Kristu".

"Intom l-għalqa tal-fidi! Intom l-atleti ta' Kristu! Intom il-bennejja ta' Knisja ħafna isbaħ u ta' dinja aħjar!".

## QUDDIESA TAL-AĦĦAR

"Morru... mingħajr biża'... biex taqdu".

"Ħallu l-ħajja tagħkom tkun taqbel ma' dik ta' Ġesù".

"Tevanġelizza jfisser tagħti xhieda inti personalment tal-imħabba t'Alla"

"Tevanġelizza jfisser twassal il-qawwa t'Alla biex tneħħi l-għeruq u twaqqa' il-ħażen, il-vjolenza... il-barrieri tal-egoiżmu, tal-intolleranza u tal-mibegħda biex nibnu dinja aħjar".

## ANGELUS

"Nitolbu l-Madonna biex tgħin lilna wkoll sabiex nagħtu l-ferħ ta' Kristu lill-familjari tagħna, lil sħabna, lil ħbiebna, lil kulħadd".

"Tibżgħu qatt tkunu ġenerużi ma' Kristu... Oħorġu u morru bil-kuraġġ u bil-ġenerożità sabiex kull bniedem jista' jiltaqa' mal-Mulej".

## LAQGĦA MAL-ISQFIJIET RESPONSABBLI TAL-KUNSILL LATINO-AMERIKAN (CELAM)

"Min l-aktar qed jibbenefika mill-ħidma ekklesjali: il-Knisja bħala organizzazzjoni jew il-Poplu t'Alla fit-totalità tiegħu?"

"L-operaturi pastorali u l-lajċi in ġenerali jħossuhom parti mill-Knisja, jidentifikaw ruħhom magħha u jqarrbuha lejn l-insara li mhumiex qrib jew imbiegħda?"

"Tajjeb niftakru kliem il-Konċilju Vatikan II: Il-ferħ u t-tamiet, in-niket u d-dwejjaq tal-bnedmin ta' żmienna, fuq kollox tal-fqar u ta' dawk li jbatu, huma wkoll il-ferħ u t-tamiet, in-niket u d-dwejjaq tad-dixxipli ta' Kristu (Kost.Pastor: IL-Knisja fid-dinja tal-lum, 1). Hawn qiegħed il-veru bażi tad-djalogu mad-dinja tal-lum".

"Alla jinsab f'kull naħa: jeħtieġ li nagħrfu niskopruH biex nistgħu nwassluH bl-idjoma ta' kull kultura; f'kull realtà, f'kull ilsien, hemm ritmu differenti".

"Id-dixxiplu missjunarju jrid ikun qrib il-poplu t'Alla, bħalma Alla huwa qrib il-poplu tiegħu u jiltaqa' miegħu, bħalma Alla għarraf lilu nnifsu fl-istorja... li tilħaq il-quċċata tagħha fl-Inkarnazzjoni."



Il-grupp Malti dakinhar tal-JDŻ, Bajja ta' Copacabana, Rio de Janeiro (Ritratt: James Pizzuto)

ĠIFRA AMY GRECH

# ĦOLMA SSIR REALTÀ

KOLLOX BEDA MINN AVVIŻ FUQ FACEBOOK. DAN L-AVVIŻ ĦEĠĠEĠ LIL ŻGĦAŻAGĦ MALTIN U GĦAWDXIN BIEX JIĊĊELEBRAW IL-JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ (JDŻ) 2013. DIN IL-ĠURNATA SSEĦĦ DARBA KULL SENTEJN JEW TLIETA, U KIEN IMISS LILL-**BRAŻIL** BIEX JOSPITA DAN L-AVVENIMENT.





Bniedma bħali, għatxana għall-avventura, safar u esperjenzi ġodda, ma stajtx inwarrab dan l-avviż fuq Facebook, li sar mill-Kummisjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ). Dan l-artiklu jiġbor l-effett li ħalliet fuqi din l-avventura min-naħa spiritwali, fid-diversi postijiet li żort, fosthom Rolandia u Rio de Janeiro, il-belt fejn seħħet il-JDŻ.

Il-mod li laqgħuna n-nies tal-lokal meta wasalna il-Brazil ma kontx qed nistennieh. Il-Brażiljani huma nies brijużi, iħobbu l-ħajja u fuq kollox mimlijin bil-fidi. Dan deher b'mod ċar fil-familja li ospitatni ġewwa Rolandia, u anke fiż-żgħażagħ li jinvolvu ruħhom fl-attivitajiet tal-parroċċa. Il-quddies li ċċelebrajna ġewwa Rolandia kienu esperjenzi fihom infushom. Il-kant u l-mużika kienu varjati, minn stil tradizzjonali sa dak rap. Mument emozzjonanti kien dak meta kantajna kulħadd flimkien, id f'id, il-kanzunetta Maltija, Tini Jdejk. Wara li tinqara l-Kelma t'Alla, kulħadd jinfexx iċapċap, filwaqt li l-mument meta nagħtu l-paċi lil xulxin hu twil mhux ħażin. Dan għaliex isir mill-qalb, b'ħafna tgħanniq. F'Rolandia għamilt esperjenza ta' volontarjat mal-anzjani, mat-tfal u adoloxxenti u fl-isptar. Kienu esperjenzi differenti minn xulxin, iżda biddluni u għallmuni napprezza iktar il-valur tal-ħajja.

Ma nistax inħalli barra l-ġimgħa tal-JDŻ. Aħna l-Maltin organizzajna katekeżi lil nies minn madwar id-dinja billi użajna t-talenti tagħna stess. L-attivitajiet ewlenin tal-JDŻ, fejn kien hemm il-Papa Franġisku preżenti, seħħew fil-bajja ta' Copacabana. Apprezzajt meta jien, flimkien ma' miljuni ta' żgħażagħ minn kull rokna tad-dinja, qsamna mumenti ta' skiet perfett. Il-fidi kienet evidenti f'għajnejn kulħadd permezz tat-talb li tlabna flimkien. Il-quddiesa tal-Ħadd, il-ġurnata tal-JDŻ, kienet esperjenza qawwija. Diffiċli tinsa l-ħin tal-paċi u tat-tqarbin. Wara t-tqarbin ħassejt sens ta' paċi kbira u ħassejtni ħaġa waħda ma' Ġesù, emozzjoni li qatt ma ħassejt b'mod daqshekk qawwi. Il-quddiesa kienet ibbażżata fuq it-tema tal-JDŻ, ***"Morru u għamlu dixxipli lill-ġnus kollha."*** Il-Papa ħeġġeġ lil kulħadd biex nieħdu azzjoni u ma nibżgħux inxandru l-Kelma t'Alla lil ħaddieħor, anke permezz ta' din l-esperjenza.

Nixtieq ngħid grazzi lill-KDŻ tal-ħidma tagħhom biex għamlu din l-esperjenza possibbli, lin-nies li ospitawni, u lill-grupp ta' Maltin li kont miegħu, għax għalkemm żort l-isbaħ postijiet li qatt rajt f'ħajti, mingħajrhom, żgur ma kinitx tkun esperjenza daqshekk sabiħa. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill- Facebook, li beda kollox! ■

# DAN XI PJAN HU?



FOST IL-JIEM L-AKTAR JIEM SBIEĦ, IMMA FUQ KOLLOX L-AKTAR IMPORTANTI TA' ĦAJTI, KIENET IL-ĠURNATA TAŻ-ŻWIEĠ TIEGĦI. DAKINHAR TAT-TIEĠ, QUDDIEM IL-QRABA, IL-ĦBIEB U L-MINISTRU TA' ALLA, B'MOD SOLENNI IPPROKLAMAJT DAWN IL-KELMIET:

**"JIEN, NIKOL, NIEĦU LILEK MARY, B'MARTI U NWIEGĦDEK LI NŻOMM RUĦI FIDIL LEJK, FIR-RIŻQ IT-TAJJEB U L-ĦAŻIN, FIL-MARD U FIS-SAĦĦA, U LI NĦOBBOK U NIRRISPETTAK TUL ĦAJTI KOLLHA."**

Bħal ħafna u ħafna koppji oħrajn li jieħdu din id-deċiżjoni hekk kruċjali, ftit konna nafu xi jfisser iż-żwieġ, l-impenn li jitlob, u x'jinvolvi li tibni familja. Minkejja li konna ilna diversi snin nafu lil xulxin, minkejja li konna attendejna l-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ organizzat mill-Moviment ta' Kana, minkejja d-diversi pariri li ħadna dwar dan il-pass importanti li konna se nagħmlu flimkien, l-eżempji tajbin li rċevejna mingħand il-familji tagħna, il-kotba ta' *techniques* li qrajna dwar il-familja, ftit li xejn konna nobsru x'jinvolvi dan l-impenn.

Minn dak iż-żmien għaddew ħafna snin. Il-familja kibret minn tnejn għal sitta. Kif jiġri dejjem, dan kollu tana jiem ta' ferħ imżewqin b'jiem ta' niket. Għaddejna minn okkażjonijiet



fejn ix-xemx tal-ħajja donnha nħbiet wara s-sħab griż tad-diffikultajiet, il-problemi, l-inċertezzi. Il-mard, id-diżappunti, l-ixkiel ma naqsux, kif ma naqsux ħafna u ħafna mumenti ta' sodisfazzjon, ferħ u u kuntentizza.

*"Bħala nsara u bħala persuni li nemmnu f'Alla u nagħrfu l-kobor tal-pjan tiegħu, irridu napprezzaw aktar li l-għaqda sesswali bejn ir-raġel u l-mara hija l-pedament li fuqu jitkompla l-ħolqien ta' Alla, u għalhekk hija għaqda "qaddisa", "divina" u tirrifletti l-fiduċja li Alla poġġa fil-bniedem u l-isħubija li Hu ried li jkollu magħna."*

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar komplejna niskopru flimkien, l-ewwel bħala koppja, imbagħad bħala familja, x'inhuwa eżattament l-għan taż-żwieġ, għaliex tnejn min-nies iħallu l-familji tagħhom biex jibnu familja ġdida, xi tfisser l-għaqda sħiħa bejn żewġ persuni differenti ħafna drabi totalment minn xulxin, għaqda li, barra li twassalhom biex ikunu ġisem wieħed, twassalhom ukoll biex bejniethom ikunu wkoll qalb waħda u ruħ waħda.

Kemm-il darba bħala koppja, jew flimkien ma' koppji oħrajn, staqsejna lilna nfusna u irriflettejna fuq mistoqsijiet bħal ***"għaliex Alla waqqaf is-sagrament taż-żwieġ?"***, ***"xi jfisser żwieġ nisrani, u x'jagħmlu differenti minn kull forma ta' żwieġ ieħor?"*** jew ***"għaliex din l-għaqda m'għandha tinħall qatt u tibqa' sal-mewt?"***

Jekk nagħtu ħarsa lejn l-istorja tal-ħolqien kif irrakkuntat fl-ewwel ktieb tal-Bibbja, il-Ġenesi, naraw bħal donnu progressjoni, jew mogħdija fl-attività kreattiva ta' Alla. Fl-ewwel kapitlu, Hu jibda mid-dlam u jgħaddi għad-dawl, imbagħad joħloq il-ħxejjex, is-siġar u l-annimali. Fl-aħħar joħloq lir-raġel u l-mara, il-quċċata u l-kuruna tal-kreazzjoni kollha tiegħu. Il-mara u r-raġel għandhom dinjità u stima li tgħollihom 'il fuq minn kull ħaġa oħra fil-ħolqien kollu.

Alla ħalaqhom b'tali mod li r-relazzjoni ta' bejniethom tagħti l-frott ta' ħajja ġdida. Wara li ħalaq kollox, Alla iddelega l-kontinwazzjoni tal-ħolqien f'idejn il-bniedem. Il-familja, maħluqa minn Alla, hija l-aġent tiegħu għat-tkomplija tal-opra li Hu wettaq fil-bidu tal-eżistenza umana. Ir-raġel u l-mara, flimkien, ikomplu t-tkattir tar-razza umana permezz tar-rigal sabiħ u profond tas-sesswalità. Dan hu



rigal prezzjuż li permezz tiegħu hija ddeterminata l-istruttura tar-relazzjonijiet umani.

Bħala nsara u bħala persuni li nemmnu f'Alla u nagħrfu l-kobor tal-pjan tiegħu, irridu napprezzaw aktar li l-għaqda sesswali bejn ir-raġel u l-mara hija l-pedament li fuqu jitkompla l-ħolqien ta' Alla, u għalhekk hija għaqda **"qaddisa"**, **"divina"** u tirrifletti l-fiduċja li Alla poġġa fil-bniedem u l-isħubija li Hu ried li jkollu magħna.

It-tieni kapitlu tal-Ġenesi jpoġġi liż-żwieġ u l-familja fil-qalba tal-pjan ta' Alla. Alla innifsu jagħraf li l-bniedem hu **"soċjali"** u għalhekk għandu bżonn jaqsam ħajtu ma' oħrajn. Mhux maħluq biex jgħix waħdu u għal rasu. ***"Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna għalih"*** (vers 18).

Dan kollu juri li Alla ried li r-raġel u l-mara jkunu ta' xulxin u għal xulxin. Sa mill-bidu l-pjan tiegħu kien li jkunu qalb waħda, moħħ u ġisem wieħed. Dan il-pjan jidher ftit aktar ċara fid-dikjarazzjoni li Alla għamel fuq iż-żwieġ:

***"Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed"*** (vers 25).

Kif jista' jkun li żewġ persuni, b'karattru, trobbija, temperamenti, u bi sfond differenti minn ta' xulxin isiru ġisem wieħed u ruħ waħda? Dan narawh fl-artiklu li jmiss. ■


# BAZAAR B'RISQ IL-MISSJONI KAPUĊĊINI

***Organizzat mill-Grupp Familji Franġiskani Floriana mill-Ħadd 3 sal-Ħadd 10 ta' Novembru 2013 fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana Floriana.***

Kull min għandu xi affarijiet f'kundizzjoni tajba (mhux ħwejjeġ) jew affarijiet tal-ikel u jrid jagħtihom sabiex jinbiegħu waqt il-bazaar, jista' jġibhom fl-Uffiċċju tal-Missjoni. GRAZZI



# X'BALLA NEĦĦEJTLI! (1)

## "KONT MARID U ĠEJTU TIKKURAWNI" – MT. 25, 36

Għal diversi snin il-Patrijiet Kapuċċini Maltin, misjuqa mill-ispirtu Franġiskan tal-kura tal-fqar, meddew għonqhom għax-xogħol importanti u delikat fil-kura tal-morda. Wara għadd ta' snin ta' ħidma nħasset il-ħtieġa li dan ix-xogħol jiġi aktar apprezzat u fl-istess ħin ippromovut billi tingħata din ir-rokna ħalli dan il-għan jintlaħaq fir-rivista Dawl Franġiskan.

Għadni niftakar qisu issa lill-mibki Patri Vitor Buhagiar OFM Cap jgħannili b'dik is-solita tbissima tiegħu, dik it-taqbila li turi r-ruħ Franġiskana Kapuċċina fix-xogħol mal-morda fl-isptar. *"Jiena Patri Vitor nisma' l-ħelu u nisma' l-morr"*. U dan hu preċiżament ix-xogħol tal-Patri fl-isptar. Li jiċċelebra l-ħelu tal-ħajja li joffri l-isptar. Bħat-twelid ta' tarbija, operazzjoni li rnexxiet, riżultat fejn parti mill-ġisem hija ċara kristall minn kull nitfa ta' mard terminali u ħafna oħrajn. Ġeneralment meta jseħħ dan it-tip ta' ferħ il-familja kollha tintlaqat. L-ewwel ħaġa li wieħed jinnota hija xi mazz fjuri sabiħ jew xi xemgħat li jitpoġġew quddiem l-istatwa tal-Madonna hekk kif tidħol fil-Kappella ta' Mater Dei fuq in-naħa tal-lemin. Inkella xi ftit xemgħat mal-bieb tas-sagristija mħejjija biex jitpoġġew quddiem Ġesù Ewkaristija.

*"Għaliex li turi għommtok u tammetti li int midneb, li żbaljajt, li weġġajt in-nies u forsi, minħabba xi għażliet jew imġibiet li wettaqt ġibt tbatija enormi fuq ħaddieħor li għadha tkarkar s'issa, hija iebsa tammettiha. U anki jekk tasal, tara l-għaraq! Imma l-grazzja ta' Alla kbira, komma wiesgħa!"*

L-Isptar fih il-morr ukoll. Mewta ta' xi ħadd għażiż taf tipparalizza familja sħiħa. Jew xi mewta kiefra ta' tarbija li kienet ilha mistennija tgħidx kemm. Imma l-kumplikazzjonijiet tat-tqala jew il-ħlas bagħtuha d-dinja l-oħra. U, meta dan iseħħ in-niket ikun tassew kbir, persuni fl-aħjar ta' saħħithom tarahom neżlin fil-fondoq tal-mewt. Il-minġel kiefer tal-mewt ma jaħfrilhomx! Min se jsabbar lill-familjari tagħhom?

Iżda anki f'sitwazzjonijiet daqshekk makabri tal-ħajja, il-kelma tama ma tgħib qatt. Fil-quddiesa, wara l-elevazzjoni tal-ispeċi tal-ħobż u l-inbid, inkantaw: ***Hu l-Mulej! Huwa qam minn bejn l-imwiet għax hu l-Mulej! Kull irkoppa tmil u kull ilsien jistqarr. Ġesù hu l-Mulej!*** U l-Mulej ikun hemm. Moħbi f'kull sitwazzjoni mwiergħa tal-ħajja. Anki jekk għal ftit jidher mgħarraq fid-dmugħ. Inkella leħnu ma jinstemax għaliex imblukkat mill-ilfiq tal-uġigħ tat-telfa.

Waqt il-*giro*, jiġifieri waqt li nkun qiegħed inżur lill-pazjenti fl-isptar, mhux l-ewwel darba li jkun hemm min jgħidli: *"Patri ħa nqerr!"* Din hija frażi li għal min jaħdem fl-isptarijiet hija l-ħobżna ta' kuljum. Tismagħha ħafna drabi. U bir-raġun! Għaliex meta l-bniedem jiġi wiċċ imbwiċċ mar-realtà tal-ħajja ħaġa waħda jkun jixtieq li jagħmel: li jikseb il-paċi miegħu nnifsu! U mhux



għalhekk jara kif se jagħmel jew jivvinta kull mezz possibbli għalih biex jirrikonċilja ruħu ma' kulħadd?

L-ewwel persuna li tiġih f'moħħu hija l-Mulej. U jagħmel sewwa! Għaliex meta nirrikonċilja tassew ruħi miegħu d-dimensjonijiet l-oħra ta' ħajti, jiġifieri r-relazzjonijiet tiegħi mal-proxxmu u miegħi innifsi, waħedhom isibu posthom. L-esperjenza tgħallimni li ħafna mill-pazjenti tagħna meta jvenvnuli l-frażi : *"Ħa nqerr Patri!"* ikunu ilhom jinkeddu magħha. Il-qrar mhux faċli ħbieb! Għaliex li turi għommtok u tammetti li int midneb, li żbaljajt, li weġġajt in-nies u forsi, minħabba xi għażliet jew imġibiet li wettaqt ġibt tbatija enormi fuq ħaddieħor li għadha tkarkar s'issa, hija iebsa tammettiha. U anki jekk tasal, tara l-għaraq! Imma l-grazzja ta' Alla kbira, komma wiesgħa!

Huwa f'dan il-mument fejn ir-ruħ tal-marid tinfetaħ beraħ. L-iktar jekk il-persuna tkun taf li dik taf tkun l-aħħar qrara tagħha fuq l-art! Il-qrara ta' ħajjitha! Il-persuna tħossha li dak huwa l-waqt fejn l-*iscreen* ta' ħajjitha jidher quddiem wiċċha. Fejn hawnhekk jinħtieġilha li tindaf minn ħtijiet li ilhom maħżuna fiha s-snin!

F'mumenti bħal dawn il-persuna turi emozzjonijiet ġewwiena qawwija li jkunu ilhom jinbnew f'qalbha tul is-snin. Ir-rabja, id-dispjaċir u d-diżappunt ilkoll, min ħafna u min ftit, jaħslu għajnejn il-persuna bid-dmugħ. Madankollu wara li l-persuna tkun ħarġet dak li kellha toħroġ u tirċievi l-maħfra minn fomm il-Patri konfessur, tistrieħ. U nintebaħ b'dan l-għaliex tgħidhieli ċara u tonda: *"X'balla neħħejtli!"*

U lili, bħala saċerdot, bi kliemha tkun ferrħitni u taqqlitni. Ferrħitni l-għaliex il-Mulej bija ħafrilha. Taqqlitni għaliex fakkritni fir-responsabbiltà kbira tiegħi li l-ħrief nilqagħhomlu u qatt ma ngerrixhomlu! Imma jekk nafda fih x'balla inkun neħħejt minni nnifsi jiena stess! ■



# IL-FESTA MINN FUQ IR-RADIO

ILLUM IL-ĠURNATA BIT-TEKNOLOĠIJA LI ĦOLOQ IL-BNIEDEM, IL-ĦAJJA SARET IKTAR FAĊLI U KOMDA U BOSTA DRABI, GĦALKEMM WIEĦED GĦAL XI RAĠUNI JEW OĦRA MA JKUNX F'QAGĦDA LI JĦALLI D-DAR, XORTA WAĦDA JKUN JISTA' JGAWDI DAK LI JKUN GĦADDEJ MADWARU PERMEZZ TAL-MEZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI.



F'din il-kitba qasira jiena se nillimita ruħi billi nitkellem dwar ir-*Radio*. Herġin mill-istaġun tal-festi u żgur li ħafna minna gawdew ħafna mill-festi sbieħ u kkuluriti li saru fil-bliet u l-irħula tagħna. U ma nizbaljax meta ngħid li l-festi tagħna huma mħawra b'ħafna ingredjenti sbieħ. Min jogħġbuh it-tlielaq tal-bhejjem, min jitpaxxa bil-logħob tan-nar, min ma jitlifx marċ wieħed, min jgħaddi ħinijiet twal il-knisja, min jedha bl-armar tat-toroq, min b'ħaġa u min b'oħra!

Għalhekk il-baqra tinbiegħ kollha, jgħid il-qawl! Ta' dawn kollha ngħid għalija jien kelli esperjenza sabiħa, dan is-sajf, la darba kont f'saħħti u għadni niflaħ niġri u nitbaħrad. Imma xi ngħidu għall-anzjani, għall-morda, għall-*baby-sitters*, għal min kien *on duty*, u għal dawk kollha li ma setgħux jirfsu 'l barra mill-għatba ta' darhom! Żgur li r-*radio* kien mezz importanti biex dawn il-kategoriji ta' nies ma ħassewhomx ruħhom maqtugħin mid-dinja ta' barra. Illum il-ġurnata bosta mill-parroċċi tagħna għandhom ir-*Radio* tal-komunità li jitrasmetti kuljum għal sigħat twal u allura mid-dar wieħed ikun jista' jsegwi dak li jkun għaddej fil-knisja u fit-toroq tagħna matul il-jiem tal-festa. Bosta parruċċani joffru xi ftit mill-ħin liberu tagħhom lill-istazzjon tar-radju bla ma jistennew xejn lura. Allaħares ma kienx dan is-sens ta' volontorjat għax kieku din l-attività kollha tisfuma fix-xejn. Fir-Rabat, fejn ngħix jien, iż-żewġ parroċċi ewlenin għandhom l-istazzjon tar-radju tagħhom u bosta drabi l-iskeda tal-programmi li jipprovdu ma tkunx tagħmel għajb lill-istazzjonijiet nazzjonali li għandna. Matul il-ġimgħa tal-festa titulari, imbagħad, l-istazzjon nistgħu ngħidu li ma jagħlaqx u l-parruċċani kollha ħallihom jintunaw fuqu minn xħin jiftaħ sa xħin jagħlaq u naħseb li dan japplika wkoll għal żmien il-Milied u żmien il-Għid.

Mhux l-ewwel darba nkun għaddej minn xi triq u nisma' xi stazzjon tal-parroċċa qed ixandar xi quddiesa, xi reċta tar-Rużarju mqaddes, inkella xi marċ tal-festa. Dan jgħodd ukoll għal dawk il-parroċċi tal-irħula li għandhom ukoll dan il-mezz hekk effikaċi li llum tista' tgħid sirna ma ngħaddux mingħajru. Kemm kien qed jara għal bogħod Alla jaħfirlu, l-Isqof Emeritu Mons Nikol Cauchi li ħareġ b'din l-idea u li tant kien jemmen fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, tant li bena wkoll il-Media Centre li tinkludi studios armat, mnejn l-RTK tippreżenta xi programmi. Bil-barka tal-Isqof attwali, Radju



Marija wkoll jinsab magħna u jitrasmetti mnejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.

Ir-radju għandu saħħa enormi u jħalli impatt qawwi fuq is-semmiegħa tiegħu u ħafna milli jintqal fuqu jittieħed bħala vanġelu u allura importanti li jsir użu tajjeb minnu. Illum spiċċa żmien ir-Rediffusion meta wieħed kien jisma' biss; illum ħafna jistgħu jaqbdu t-telefon u jieħdu sehem dirett fil-programm jew diskussjoni li tkun għaddejja; tista' tibgħat ix-xewqat lil ħbiebek u titlob ukoll xi kanzunetta. U bl-invenzjoni tal-internet, anke l-emigranti tagħna jistgħu jsegwu dak li jkun għaddej f'art twelidhom eluf ta' mili bogħod. Mhux darba u tnejn inkun qed nippreżenta xi programm fuq ir-*radio* u dak il-ħin stess nirċievi xi sms b'xi kumpliment jew kumment jew talba għal xi request.



Alla żejjen lill-bniedem b'ħafna doni li meta jintużaw tajjeb jagħmlu ħafna ġid bħalma qed jagħmlu r-radjijiet tal-komunità li nibtu fi gżiritna. Jalla jissuktaw jinbtu wkoll ħafna voluntiera minn fost il-parruċċani biex jgħinu fit-trasmissjonijiet u programmi li jtellgħu dawn l-istazzjonijiet li żgur huma ta' kumpanija għal dawk li jgħixu waħidhom, għall-morda u għall- anzjani, kif ukoll għal dawk li jkunu jivvjaġġaw minn post għall-ieħor inkella qed jistennew lill-mara tixtri minn xi ħanut jew tagħmel xi qadja fejn mhux dejjem issib fejn tipparkja u allura jkollok toqgħod tistennieha fil-karozza. M'hemmx għalfejn ngħidu, huwa dejjem sewwa li wieħed iżomm il-volum baxx biex ma jtellifx lill-ħaddieħor u ma jweġġa' ras ħadd. Il-prudenza tiġi l-ewwel u qabel kollox.

Intant qed inkompli din il-kitba xi ftit jiem wara li bdejtha sewwa sew il-Ħamis, l-Għid tal-Assunta wara li segwejt il-Pontifikal tal-Isqof fil-Katidral tagħna. Ħadt gost nisma' l-omelija li l-Eċċellenza Tiegħu għamel dwar in-nostalġija tal-bniedem għal Alla u kif permezz tal-Assunta l-bniedem jista' jasal biex isib lil dak li ħalqu u qed kontinwament jipprovdilu.

Bosta drabi mmur il-festa nharha filgħaxija imma nipprova ma nitlifx il-quddiesa tal-festa filgħodu permezz tar-radju, fejn ikun jeżisti. Mill-kumdità tad-dar wieħed ikun jista' wkoll ikun jaf fiex waslet il-festa la darba jkollu r-radju mixgħul.

Ngħid għalija jien inkun ukoll fuq Calypso Radio darba fil-ġimgħa u ngħaddi sagħtejn nitkellem mas-semmiegħa u nibqa' mbellah kemm jeżistu nies li jridu jitkellmu u jaqsmu kelmtejn ma' dak li jkun. Jeżistu ħafna li jgħixu waħidhom; oħrajn li jkunu għaddejjin minn xi problema; tfal li jieħdu pjaċir jitkellmu miegħek. Ir-*radio* joħloq ċerta ħbiberija bejn is-semmiegħa u jagħmel ħbieb ġodda. Huwa mezz li tista' ssegwih bosta drabi bla ma tħalli dak li jkollok f'idejk u nifhem li ma jiswilekx wisq spejjeż biex toqgħod tisimgħu; il-konsum huwa żgħir u ma jgħarraqlekx għajnejk.

Naħseb li bosta min-nisa ma jgemgmux għan-nuqqas ta' żwiegħhom id-dar għax ir-radju jista' jimlielhom ħafna minn dan il-vojt. Talinqas jien kull meta nidħol id-dar nisma' r-*radio* tal-kċina għaddej u mhux darba u tnejn insibu mgħolli wkoll fil-kamra tas-sodda meta nidħol minn barra xi darba tard filgħaxija bis-sinjura fid-dinja tal-ħolm! ■

# GĦALIEX HEMM TLIET ORDNIJIET TA' FRANĠISKANI?



*Meħuda mill-"Messenger of St. Anthony"*

ANKI META SAN FRANĠISK KIEN GĦADU ĦAJ, KIEN HEMM NUQQAS TA' QBIL FL-ORDNI FRANĠISKANA. WARA LI MIET, DAN IN-NUQQAS TA' QBIL ĦAREĠ FIL-BERAĦ U TFAĊĊAW ŻEWĠ OPINJONIJIET PRINĊIPALI, L-ISPIRITWALISTI U L-KONVENTWALI.

San Frangisk t'Assisi



Tal-ewwel kienu jħarsu lejn Fra Leo u sħabu bħala l-ispirazzjoni tagħhom u riedu jibnu l-ħajja tagħhom fuq dik li kien jgħix Franġisku. Kienu jinterpretaw ir-regola tagħhom skont kull kelma mniżżla fl-aħħar testment tal-fundatur. Riedu li jgħaddu ħajjithom f'faqar assolut bħala l-espressjoni esterjuri ta' faqar intern. Permezz ta' ħajja ta' talb kontemplattiv, dan il-faqar intern kien iwassal għall-istess Spirtu s-Santu li Franġisku ried li jkun il-Ministru Ġenerali tal-Ordni. Għalhekk huma kienu jgħixu f'kunventi fejn kienu jqattgħu ħin twil jirċievu dak li kienu msejħa jgħaddu lil ħaddieħor.

Min-naħa l-oħra, il-Kunventwali insistew li huma wkoll kienu jgħożżu l-fundatur tagħhom u t tagħlim tiegħu, iżda l ħajja li kien jgħix Franġisku ma' sħabu fil-bidu ma kinitx prattika. Kien hemm diġà mal-ħamest elef vokazzjonijiet ġodda qabel miet Franġisku u għalhekk inħass il-bżonn li l-ideat tal-bidu jiġu addattati biex ma jkunx hemm anarkija sħiħa. Il-Konventwali sostnew li anki l-fundatur kien ħass il-bżonn li jagħmel lil Fra Elija bħala l-Ministru Ġenerali għax fih huwa ra u ammira kapaċitajiet amministrattivi u organizzativi li hu ma kellux.

Meta iktar nies u qassisin għorrief ingħaqdu mal-Ordni, l-awtoritajiet tal-Knisja ħassew li issa kien il-waqt li tibda ssir ir-riforma tal-Knisja li xtaq il-Papa Innoċens III fir-Raba' Kunsill Lateran tal-1215. Biex din ir-riforma tirnexxi, il-Papiet li ġew wara ħelsu lill-Aħwa minn ċerti interpretazzjonijiet tar-regola li setgħu jfixklu din ir-riforma u talbu għal iktar studju. Inħass il-bżonn ta' għalliema, kotba u libreriji u l-ħtieġa ta' kunventi ikbar – u minn hemm ġiet il-kelma konventwali.

Għal tliet sekli sħaħ dawn iż-żewġ opinjonijiet differenti baqgħu jippersistu taħt l-umbrella tal-istess Ordni. Għal xi żmien kien hemm għaqda sħiħa taħt l-influwenza qawwija ta' Ministri Ġenerali, fosthom l-iskular u mistiku San Bonaventura. Għalkemm huwa kellu simpatija lejn dawk li xtaqu jaddattaw l-Ordni biex taqdi aħjar il-vokazzjoni tagħhom, huwa ħass rabta ikbar mal-aspirazzjonijiet tal-Ispiritwalisti li kultant kienu jissejħu Żelanti.

Kien iqatta' ħafna ħin magħhom biex jipprattika t-talb kontemplattiv li kiteb dwaru fix-xogħol magħruf tiegħu Itinerarium Mentis in Deum li kiteb f'La Verna.

*"Riedu li jgħaddu ħajjithom f'faqar assolut bħala l-espressjoni esterjuri ta' faqar intern. Permezz ta' ħajja ta' talb kontemplattiv, dan il-faqar intern kien iwassal għall-istess Spirtu s-Santu li Franġisku ried li jkun il-Ministru Ġenerali tal-Ordni."*

Safrattant, il-Konventwali kibru ħafna iżjed wara li l-Ispiritwalisti tilfu l-kredtu meta bdew ixandru t-tagħlim ta' Joachim minn Fiore qrib tmiem is-seklu tlettax. Dan kien ħareġ minn patri Ċisterjan biex jibda fergħa ġdida u iktar severa tal-Ordni. Huwa bagħat Ruma l-kitbiet kontroversjali tiegħu, iżda miet fl-1202 qabel dawn ġew eżaminati.

L-essenza tat-tagħlim tiegħu kienet li qasam l-istorja fi tliet perjodi. L-ewwel wieħed,

- **"Żmien il-Missier"**, jinkludi t-Testment il-Qadim u huwa kkaratterizzat mill-biża' u l-ubbidjenza servili u mmexxi minn nies miżżewġa. It-tieni,
- **"Żmien l-Iben"**, huwa kkaratterizzat mill-fidi u l-ubbidjenza filjali u mmexxi mill-kleru. L-aħħar perjodu,
- **"Żmien l-Ispirtu s-Santu"**, huwa kkaratterizzat mill-imħabba u l-ħelsien u mmexxi mill-patrijiet fil-ġejjieni qrib. Dan kien iwassal għal żmien ta' mħabba universali. Joachim insista li dan l-aħħar perjodu jiġi inawgurat mill-"**Anġlu tas-Sitt Siġill"** li l-Ispiritwalisti kienu jikkunsidrwah bħala San Franġisk u jkun immexxi minn patrijiet ħafjin, jiġifieri minnhom stess.

San Bernardin ta' Siena



Xi wħud mill-Ispiritwalisti aċċettaw dan it-tagħlim kelma b'kelma u eżaġeraw, tant li ħarġu mill-Knisja. Waslu biex kellhom l-isqfijiet tagħhom li ordnaw qassisin biex iservuhom u inkoraġġew lin-nisa biex jippriedkaw. Bdew jiġu msejħa Fratiċelli, kult li okkupa Le Celle ħdejn Cortona mill-1285 sal-1318 meta ġie kkundannat mill-Inkiżizzjoni. Però, kien hemm gruppi żgħar ta' Fraticelli fl-Ewropa kollha li ħafna minnhom baqgħu għal mijiet ta' snin minħabba l-ideat radikali tagħhom dwar il-faqar. Meta l-Ispiritwalisti u l-Fratiċelli ppriedkaw li l-Knisja għandha tkun fqira bħal Franġisku, huma rċevew l-appoġġ ta' ħafna mis-sinjuri kbar, fosthom l-Imperatur u ċerti rejiet li kellhom ir-rikkezzi investiti fil-Knisja.

Mhux l-Ispiritwalisti kollha saru Fraticelli, għalkemm ħafna minnhom kienu jaqblu u żammew rashom baxxuta waqt li l-Konventwali kibru u mxew ħafna 'l quddiem. Eventwalment, tfaċċa Paolo de Trinci minn Foligno li, spirat mill-Ispiritwalisti li jimxu kif kien jgħix

Le Celle - Cortona



Franġisku mal-ewwel dixxipli tiegħu, ingħata permess li jgħix flimkien ma' ftit patrijiet li kienu jaħsbuha bħalu fl-għoljiet ta' Brogliano. Din ir-riforma ġdida bil-mod il-mod ġibdet studjużi u nies ta' statura spiritwali kbira bħal San Bernardin ta' Siena, San Ġwann ta' Capistrano, San Ġakbu minn bejn l-Ingilterra u l-Iskozja u l-Beatu Alberto minn Sarteano. Biż-żmien, minn Spiritwalisti dawn saru magħrufin bħala Osservanti.

L-istess tip ta' kontroversji li qasmu l-Konventwali mill-Ispiritwalisti fis-seklu tlettax qasmu lill-Konventwali u l-Osservanti fis-sekli erbatax u ħmistax, sakemm saru Ordnijiet separati fl-1517. Wara din id-data, l-Osservanti bdew jissejħu Patrijiet Minuri jew Patrijiet Minuri tal-Osservanza Stretta. Però, wieħed fra Osservant, Matteo da Bascio, ħaseb li anki dawn il-Patrijiet Minuri kienu saru laxki wisq u waqqaf Ordni Franġiskana oħra fl-1528 li ġiet imsejħa tal-Kapuċċini. Dawn ħadu f'idejhom il-kunvent li qabel kien f'idejn il-Fraticelli f'Le Celle u għadhom hemm sal- lum. Bħala sinjal li ried jgħix eżatt kif kien jgħix San Franġisk, Matteo għażel li jilbes il-kapoċċ fuq ċoqqa kannella u jħalli leħja qasira.

Il-mod differenti kif jilbsu u d-differenzi li kien hemm bejniethom fl-antik ftit li xejn għadhom jidhru llum. Dak li jikkaratterizzahom u jgħaqqad dawn it-tliet Ordnijiet flimkien hija l-imħabba u d-devozzjoni li għandhom lejn il-fundatur oriġinali tagħhom li n-nies tal-Medu Evu kienu jsejħulu **"It-Tieni Kristu"**.



# TIFKIRA TA' PATRI DONAT SPITERI OFMCAP 1922 - 2011



*(L-Ewwel Parti)*

## IT-TFULIJA

Ir-raba' wild ta' Spiridione u Antonia neè Cassar li kellhom ħames subien u tlett ibniet, twieled fit-13 ta' Ottubru 1922. Tliet ijiem wara, jiġifieri, fit-16 ta' Ottubru, hu ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, fil-Marsa, u ngħata l-isem ta' Alfred. It-tfajjel Fredu kiber fil-valuri nsara mhux biss permezz ta' dak li rċieva mill-familja tiegħu, imma wkoll minn dak li rċieva mill-għaqdiet li kien jattendi, speċjalment l-Azzjoni Kattolika fil-Marsa u l-grupp tal-abbatini fil-knisja tat-Trinità Qaddisa, li żergħu fih l-ewwel żerriegħa tal-vokazzjoni tiegħu. Sadanittant, Fredu daħal l-Iskola Serafika li kienet għadha kemm infetħet fil-Kalkara.

## DĦUL FL-ORDNI

Meta Fredu kellu 16-il sena huwa ħassu deċiż fis-sejħa tiegħu. Fil-21 ta' Diċembru 1938, Fredu ngħaqad mal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini billi beda n-Novizzjat fil-kunvent tal-Kapuċċini fir-Rabat Għawdex, bl-isem ta' Fra Donat mill-Marsa. Sena wara, fil-31 ta' Diċembru 1939, huwa għamel il-Professjoni Temporanja u flimkien ma' sħabu l-oħra marru fil-Kunvent ta' Santa Liberata, fil-Kalkara biex jibdew l-istudju tal-Letteratura.

Ma kienx żmien sabiħ għal Malta minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija tant illi l-Provinċjal iddeċieda li jibgħat lill-Istudenti kollha, li kienu madwar 30, fil-kunvent t'Għawdex. Hemmhekk damu daqs tliet snin, u hemmhekk Fra Donat lesta l-istudji tal-Filosofija. Wara li rritornaw fil-kunvent tal-Kalkara, huwa kompla bl-istudju tat-Teoloġija sakemm fil-31 t'Ottubru 1943, Fra Donat għamel il-Professjoni Perpetwa.

L-aktar jum li Fra Donat stenna, issa kien wasal. Fit-13 ta' Marzu 1948, huwa ġie ordnat Presbiteru fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fil-Belt Valletta, mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi.

Is-Superjuri tiegħu mal-ewwel għarfu l-kapaċitajiet intellettwali ta' P. Donat tant illi ftit xhur wara li ġie ordnat saċerdot, bagħtuh Ruma sabiex ikompli l-istudji tiegħu. Fl-ewwel



sentejn, huwa attenda l-Università Pontificia Gregoriana għall-kors tat-Teoloġija Dommatika li wassal biex kiseb Liċenzjat f'din il-materja. Fis-sentejn ta' wara, huwa kompla l-istudji tiegħu fl-Istituto Pontificio Biblico. Hemmhekk P. Donat temm kors ta' Liċenzjat fl-Istudji Bibliċi, segwit minn kors ieħor fl-Università Gregoriana minn fejn kiseb Dottorat fit-Teoloġija. Meta Patri Donat irritorna Malta, mill-ewwel beda jgħallem lill-istudenti Kapuċċini Maltin, u aktar tard lill-istudenti Reliġjużi Maltin fl-I.N.S.E.R.M, sakemm ġie maħtur Professur tal-istudji Bibliċi fil-Fakultà tat-Teoloġija, fl-Università ta' Malta.

*"Iżda minkejja li P. Donat kien għal qalbu l-Marsa u ħadem kemm felaħ għall-ġid spiritwali u materjali tan-nies tal-post, in-namra mal-Kotba Mqaddsa baqgħet timbxu. Kien għalhekk li fl-1966 huwa talab li jispiċċa minn Kappillan biex imur jgħallem l-Iskrittura fil-Fakultà tat-Teoloġija."*

## KAPPILLAN IL-MARSA

Daqs ħames snin wara li kien ġie lura minn Ruma, is-Superjuri tiegħu tawh impenji pastorali ġodda meta talbuh imur Kappillan fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa, Marsa. Mill-1958 sal-1967, P. Donat serva b'dedikazzjoni kbira dan il-ministeru filwaqt li baqa' jgħallem. B'hekk għall-ewwel darba fl-istorja ta' din il-parroċċa, il-Marsa kellha tilqa' wieħed minn uliedha stess bħala Kappillan tagħha.

Fi żmien li fih kien Kappillan, Patri Donat ħabb lin-nies tal-Marsa u dawn ħabbew lilu hekk kif fi żminijiet diffiċli, il-Marsin sabuh ta' sostenn meta kien jagħmel dak kollu li jista' biex jgħinhom. Imma nistgħu ngħidu li l-parrokkat ta' P. Donat jibqa' mmarkat bl-interess kbir tiegħu għall-formazzjoni tal-poplu tal-Marsa. Hu ta importanza kbira lill-katekeżi u l-mod kif kienet tiġi ċċelebrata l-liturġija, fi żmien meta l-Konċilju Vatikan II kien għadu ma spiċċax. F'rabta mal-formazzjoni tal-lajċi, dan il-Kappillan żagħżugħ ħa ħsieb l-Għaqdiet tal-parroċċa. Għalhekk huwa daħal għal biċċa xogħol kbira: l-Istitut San Piju X, li kellu jservi bħala Ċentru għall-Parroċċa, speċjalment għaż-żgħażagħ tal-Marsa.

Iżda minkejja li P. Donat kien għal qalbu l-Marsa u ħadem kemm felaħ għall-ġid spiritwali u materjali tan-nies tal-post, in-namra mal-Kotba Mqaddsa baqgħet timbxu. Kien għalhekk li fl-1966 huwa talab li jispiċċa minn Kappillan biex imur jgħallem l-Iskrittura fil-Fakultà tat-Teoloġija.

## KAPPILLAN SAN ĠWANN

Fl-1974, lil P. Donat insibuh fil-kunvent tal-Kapuċċini f'San Ġwann, filwaqt li fl-20 ta' Ġunju 1983, ġie magħżul bħala t-tieni Kappillan ta' din il-parroċċa. Huwa mill-ewwel intefa' għal



din il-ħidma minkejja li ma ħalliex it-tagħlim tal-Kotba Mqaddsa fil-Fakultà tat-Teoloġija. P. Donat qiegħed fuq nett fl-aġenda tal-prijoritajiet pastorali, il-familji, il-ħtieġa tal-Liturġija aktar ħajja, il-katekeżi taż-żgħar u tal-kbar, u l-ħajja tal-Għaqdiet u l-movimenti tal-Parroċċa.

Bħalma kien għamel fil-Marsa, hekk ukoll f'San Ġwann, P. Donat kien jħewden li din il-parroċċa żagħżugħa kellha bżonn ta' Ċentru Parrokkjali. Hekk fil-fatt ġara, meta fit-30 ta' Diċembru 1990, il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid ġie mbierek minn Mons. Arċisqof, Ġużeppi Mercieca bħala monument ta' għeluq il-25 Sena tal-Parroċċa ta' San Ġwann. Fl-1991, P. Donat temm il-ħidma parrokkjali tiegħu f'San Ġwann u mar fil-fraternità tal-Furjana fejn minn hemmhekk seta' jiddedika aktar ħin għall-pastorali biblika. ■

KOMPETIZZJONI P. WISTIN ATTARD OFMCap

# ROKNA GĦAT-TFAL

## AĦSEB U WIEĠEB

1. Il-ġradijiet biex jaħqru lill-: bnedmin, lis-siġar, jew lill-ħaxix. (Apk 9,4)
2. Ġie Bin il-bniedem la jiekol u lanqas jixrob: Iva, Le. (Mt 11,18)
3. Qalilhom li joqtluh u: ma jqumx iżjed, jerġa' jqum. (Mk 8,31)
4. Kienu jmorru għand Ġwanni biex: jieklu, jitgħammdu, jarawh. (Lq 3,7)
5. Agħmlu l-ħaqq skont: is-sewwa, ma taraw, il-ħbieb. (Ġw 7,24)
6. Abraham nissel lil: Ġakobb, Iżakk, Ġużeppi. (Atti 7,8)
7. Denb il-ġradijiet kien qisu: sejf, lapis, imqass. (Apk 9,10)
8. Ġesù, lill-ibliet il-ħżiena: ċanfarhom, faħħarhom, għolliehom. (Mt 11,20ss)
9. Qallu biex jitlaq: ja xitan, ja ħmar, ja antipatiku. (Mk 8,33)
10. Siġra bla frott tinxteħet: il-baħar, fin-nar, fil-forn. (Lq 3,9)

*Ir-rebbieħ jingħata book token ta' €15 ġentilment mogħti mill-Mission Bureau fl-Uffiċċju tal-Missjoni, il-Furjana. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.*

Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

IR-REBBIEĦ TA' AWWISSU SETTEMBRU 2013
RUBEN MANGION – RABAT - GĦAWDEX

# TISLIBA - 126



1. Ikun hemm din u ksieħ. (Żak 14,6) (5)
2. X'jagħmel b'mewtu lis-setgħa. (Lhud 2,14) (6)
3. Ixrob u ... magħna. (Ġdt 12,17) (5)
4. Dawn ukoll iqisulna. (Lam 4,18) (5)
5. Mhux fuq xorb biss. (Kol 2,16) (4)
6. Kantawhom mal-innijiet. (Efesin 5,19) (5)
7. Mhux biex il-piż *jeħfief*. (2 Kor 8,13) (5)
8. Donnha din ittir. (Apok 4,7) (5)
9. ... int u oqtol. (1 Sam 22,18) (3)
10. Isem it-tielet wild. (1 Kron 3,2) (7)
11. u 12. Tiddeċiedi xejn hekk. (Koħ 5,1) (6)
13. ..., widdeb, wissi. (2 Tim 4,2) (6)
14. Għattietu bih. (Mħallfin 4,18) (5)
15. Biex... lejn il-Mulej. (Sir 5,7) (5)
16. Biex tara l-qawwa tiegħi (Eż 9,16) (5)
17. Dan inqaċċathulek. (Naħ 1,13) (5)
18. Il-jiem ta' dan. (Eżek 4,8) (7)
19. Mhux bil-bsaten biss. (Lq 22,52) (4)
20. Kif saru ġamar... (2 Mak 7,4) (3)
21. U hemm... (Num 14,35) (5)
22. *Isofri* ħafna. (Mk 18,31) (5)

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' AWWISSU/SETTEMBRU 2013:**
***1. Qerda; 2. Mimdud; 3. Saħħa; 4. Ismek; 5. Għwaj; 6. Karfa; 7. Elija; 8. Sewwa; 9. Dud; 10. Ħrejjef; 11. u 12. Bdejna; 13. Naħsdu; 14. Imrar; 15. Ħsara; 16. Siġar; 17. Ittra; 18. Manassi; 19. Nisa; 20. Ħut; 21. Assur; 22. Andar.***

*Ir-rebbieħ jingħata book token tà €20 ġentilment mogħti mill-Mission Bureau fl-Uffiċċju tal-Missjoni, il-Furjana. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211W***

IR-REBBIEĦA TA' AWWISSU/SETTEMBRU 2013
AGNESE SPITERI, 115, SACRED HEART
TRIQ L-IMSIDA, ST VENERA SVR 1380

Ir-rebbieħa taż-żewġ kompetizzjonijiet, jekk jogħġobhom, jiġbru l-premju bejn id-9.00am u 11.00am u bejn il-5.00pm u s-7.00pm mill-Uffiċċju Missjoni, Kunvent Kapuċċini, Floriana. Tel: 2123 3874



*minn Br. Bertrand Vella OFM.Cap.*
*Segretarju Provinċjali*

# ĦUNA ĠUŻEPP GATT GĦADDA GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM

**It-Tlieta, 6 t'Awwissu 2013**, Fra Ġużepp Gatt, għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-età ta' 70 sena, fl-Isptar Mater Dei, wara li ddaħħal f'dan l-istess sptar fil-jum ta' qabel tard filgħaxija. Il-funeral tiegħu, sar il-Ħamis, 8 t'Awwissu 2013, fil-knisja tal-Kapuċċini f'Għajn Dwieli, permezz ta' quddiesa ikkonċelebrata mmexxija mill-Ministru Provinċjal, P. Martin Micallef.



Wara l-quddiesa dawk preżenti ħarġu barra fuq iz-zuntier biex jagħtu l-aħħar tislima lil dan il-Kapuċċin twajjeb, hekk kif il-katavru tiegħu ġie meħud lejn Għawdex fejn ġie milqugħ mill-Gwardjan u l-fraternità ta' Għawdex. Hemmhekk saret id-difna fl-oqbra tal-Provinċja, fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fix-Xewkija, f'Għawdex. ■

# LAQGĦAT TAD-DEFINITORJU MAL-ISQFIJIET

**It-Tlieta 6 ta' Awwissu 2013**, id-Definitorju Provinċjali għamel żjara lil Mons. Pawlu Cremona, Arċisqof ta' Malta, fil-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana. Matul din iż-żjara, il-Provinċjal il-ġdid P. Martin Micallef, flimkien mal-erba' definituri, tkellmu ma' Mons. Arċisqof fuq il-formazzjoni tal-fraternitajiet il-ġodda li għadhom kemm tqassmu għal dawn it-tliet snin li ġejjin. Huma ressqu quddiemu l-preokupazzjoni tagħhom fuq in-nuqqas ta' personnel għal xi sptarijiet li sa issa l-Patrijiet Kapuċċini jaħdmu fihom b'tant dedikazzjoni u sagrifiċċji, filwaqt li wegħduh il-fedeltà tagħhom lejh.



**It-Tnejn, 13 ta' Awwissu 2013**, imbagħad, id-Definitorju Provinċjali għamel żjara lil Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex fil-Kurja tal-Isqof, fir-Rabat, Għawdex. Din ukoll kienet żjara kordajli li matulha l-Provinċjal flimkien mad-Definitorju tiegħu tkellmu ma' Mons. Isqof fuq il-preżenza u l-ħidma tal-Kapuċċini fil-gżira ta' Għawdex. Din il-laqgħa kienet segwita minn żjara tal-Isqof Grech fil-kunvent tal-Kapuċċini fir-Rabat, Għawdex. ■





# GĦIN LILL-KNISJA U LILL-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN FIL-KENJA BILLI TAGĦMEL...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista'tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista'tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*

**FR. PHILIP CUTAJAR OFM. Cap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**
**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**
**Email: cutajarphilip777@gmail.com**




## Kartolini riċiklati tal-Milied

**bl-invilops f'pakkett ta' 10 b'risq il-Missjoni għall-prezz ta' €2.50.**

Jinkisbu miċ Ċentru Missjoni Kapuċċini, Floriana.